# QLUB INKURUNATI BIL-WARD

## DRAMM PATRIJOTTIKU
Fi Prologu u Tliet Atti
ta'
**CARMELO GALEA S.D.B.**



Mhux għax nixtieq xi tiħir
Lill-wiċċi hawn ridt nuri...
Iżda għax bħal iben Malta
Inħossni jiena kburi!

*Id-drittijiet huma riservati għall-pajjiżi kollha. Ħadd ma jista' jaħdem fuq il-palk, ixandar minn fuq ir-Rediffusion jew juża xort'oħra dan ix-xogħol teatrali mingħajr is-sensja ta' l-Awtur jew tas-Superjuri ta' l-Oratorju Sależjani ta' tas-Sliema, Malta.*

# QLUB INKURUNATI BIL-WARD

## (ASSEDJU TA' MALTA)

DRAMM PATRIJOTTIKU

FI

PROLOGU U TLIET ATTI

TA'

**CARMELO GALEA S.D.B.**

SALESIAN ORATORY
ALEXANDRA STREET
SLIEMA-MALTA

Stamperija "Dar ta' San Ġużepp"
Ħamrun — Malta
1961

## DEDIKA

Niddedika

dan iċ-ċkejken xogħol tiegħi

Patrijottiku

lil Wisq mibki Komm.

Alfonsu M. Galea

li għal artu ta ħajtu

u għalkemm ismu għad mhux immnaqqax

fil-bronż iżda huwa miktub fuq il-ġebel ta' Malta

bid-dmugħ tal-fqar li huwa ħabb sal-mewt.

## PERSONAĠĠI

| | |
|---|---|
| Ġwann La Valette | Sultan ta' Malta. |
| Neriku Parisot | Neputi ta' La Valette. |
| Ġanni De La Cerda | Kmandant. |
| Roul Coppier | Marixxall. |
| Pietru Del Monte | Ammirall. |
| Kostantinu Costrioto | Kmandant. |
| Cori De Robles | Kmandant. |
| Ali' Candlissa | Rajjes Tork. |
| Mustafa' Basca' | Ġeneralissimu Tork. |
| Hamit | Ibnu, Spija. |
| Piali' Basca' | Ġeneral Tork. |
| Ċejlu Tonna | Kaptan Malti. |
| Rajmondu Tonna | Missieru. |
| Toni Bajada | Baħri Malti. |
| Franġisku Bajada | Missieru. |
| Fredu ta' Toledo | Paġġ. |

Erba' jew sitt suldati ġannizzari u erba' kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Din il-ġrajja jgħaddu minn għalihom f'Malta bejn ix-xahar ta' Ġunju u ta' Settembru tas-sena 1565.

## PROLOGU

Id-dehra tax-Xwieni

Setaħ fid-dar Ċejlu Tonna; qsari fuq iċ-ċint, erbgħa siġġijiet u mejda. Fil-għaxija, għad-dawl ta' qamar.

### L-Ewwel Xena

Ċejlu Tonna u Rajmondu

*(Malli tiftaħ il-purtiera, jinstemgħa l-għana tas-sajjieda li ħerġin bid-dgħajjes tagħhom biex jixħtu n-nases barra mill-port Rajmondu bil-qiegħda maġenb il-mejda jpejjep il-pipa; Ċejlu bi ħrara qiegħed inaddaf ix-xabla fuq iċ-ċint li jħares għall-baħar).*

ĊEJLU Pa, il-qampiena ma ddoqx għalxejn. Il-bieraħ, Fra Pietru Del Monte, ammirall tax-xwieni tal-gżejjer tagħna, flimkien mal-marixxall Roul Coppier, sejħulna quddiem id-dar tas-Sultan La Valette u kif konna miġburin hemm mal-mitejn uffiċjal, mat-tliet mitt kavallier u xi tmint elef suldat, huwa xiref mill-gallarija bil-kuruna f'rasu u l-mant ikħal ikarkar ma' l-art u mar jgħidilna: "Uliedi, il - lum qiegħed nara għamla ta' ġmiel fikom li ssaħħarli qalbi!! Imma jisgħobbija jkolli ngħidil-kom li dak il-ġmiel u tlellix ta' kuluri ta' dak il-bellus fin li fuqkom iġġibu, għada jista' jitbiddel f'kurazzi ta' l-azzar li jistgħu jin-ħaslu bid-demm." U hawn, is-Sultan ma felaħx aktar jitkellem, għatta wiċċu u daħal il-ġewwa.

RAJMON. Ibni, jiena xejn ma nistagħġeb. Il-lum aħna Maltin ħielsa, ma nistgħux għada nqisu ruħna sidien tal-gżejjer tagħna li missirijietna ħartu u ħaslu bil-għaraq ta' ġbinhom? Min jaf għada

lil min irridu nobdu? Għaliex il-bandiera Torka ta' Nofs Qamar qiegħda tperper rebbieħa tista' tgħid ma' l-Ewropa kollha. Hekku għaliex is-Sultan ta' spiss qiegħed iħejjikom biex iżżommu ruħkom dejjem lesti taħt l-armi, għaliex huwa jibża' li minn siegħa għall-oħra jara n-nagħal taż-żwiemel ta' l-għedewwa jisħqu ż-żerriegħa tar-raba' tagħna wkoll.

ĊELJU Pa, ma nkunx l-uffiċjal Ċejlu Tonna, iben denn ta' darba kaptan missieri jekk qabel immut ma nxerridx dan id-demm żagħżugħ tiegħi biex nifdi lil din l-art li inti tajtni. Isma l-ħolma tiegħi grazzjuża: "Kont qiegħed bħal issa, f'dan is-setaħ, inħares lejn il-baħar bil-kuruna f'idi ngħid ir-Rużarju, għajni marret bija, mort f'dinja oħra u fuq il-ħalel sbieħ tal-baħar mil-lewn is-suf tan-nagħaġ, nilmaħ tfajla ċkejkna, ċkejkna, bajda mil-lewn il-kwiekeb li kienu jpetptu fuq rasha. Din tatni nifhem li trid tkellimni... ukoll jiena bdejt nimxi fuq il-ħalel ta' l-ilma u kif wasalt ma-ġenb din it-tfajla bajda, inżilt għarrkupptejja u hija kellimtni: "Iben art imbierka, iben Malta ħelwa, mur sinn ix-xabla tiegħek, għax l-għadu tas-Salib wasal fuq l-għadba ta' darek, il-kuruna tas-Sultan tiegħek qiegħda tirtogħod u taqa' wkoll minn fuq rasu jekk ma tkunx ix-xabla tiegħek, Ċejlu Tonna. Mur issielet għal din il-kawża qaddisa u jien nkun miegħek!!!" Nistembaħ u nsib qalbi tħabbat qawwi u minn dik il-ħolma 'l hawn.........

RAJMON. Ibni, inti ma tagħmilx għajb lil missierek li demmu diġà tħallat mal-ħamrija tar-raba' tagħna biex iddefenda l-fidi ta' Kristu. *(Imur jitgħaxxq b'Ċejlu u jmellislu rasu)* Toqgħodlok il-libsa ta' uffiċjal. Nistħajjel li meta jien

kien għad għandi 24 sena... u x'ħolm ieħor jista' jkollu min iħobb l-art twelidu? Min iħobb id-Din nisrani? Inti ħriġt tixbaħ lil missierek, meħdi biss fuq il-gwerra u għalhekk is-Sultan La Valette fik qiegħed tama kbira.

ĊEJLU Pa, il-lum m'inhix tifel li nemmen fil-ħolm, iżda emminni li din il-ħolma ma tmutx aktar fil-qalb tiegħi. Dik it-tfajla kienet donna l-Madonna Bambina.

RAJMON. Bosta drabi li mill-ħolm ħareġ il-ġid. Min aktar jista' jeħlisna mill-bandiera tan-Nofs Qamar li qiegħda theddidna jekk mhux il-Madonna?!

ĊEJLU Pa, arani hawn quddiemek sejjer nikkonsagra ħajti 'l Alla u l-Art Twelidi. *(Ibus ix-xabla).*

RAJMON. U, jiena mbierkek, ibni. *(Ibus lil Ċejlu fuq ġbinu).*

**It-Tieni Xena**

Toni Bajada, Ċejlu u Rajmondu

TONI *(Jidħol kif kien liebes għat-tieġ).* Aħfruli, sibt il-bieb miftuħ u bqajt tiela.

ĊEJLU *(Jinfired minn missieru).* Toni Bajada!! Id-dar tagħna qisa wkoll tiegħek.

RAJMON. Merħba bik fid-dar tagħna. Bajada. L-eroj tal-gżira tagħna. *(Jieħdu b'id xulxin).*

ĊEJLU Ton, nistgħaġeb kif m'intix liebes ta' baħri!!!......

TONI Ħalluni... Intom irċevejtu l-istedina għat-tieġ tiegħi?

ĊEJLU Iva, ma hemm affarijiet oħra fin-nofs. Il-bieraħ il-Gran Mastru La Valette sejjaħ lis-suldati kollha u qalilna biex inżommu ruħna mhejjin għall-ordnijiet tiegħu.

TONI Jiena minn hemm għadni ġej, bħalek; ħadt ordnijiet......

RAJMON. Naħseb li wara l-qlubija li wrejt fl-ibħra ta' Barbarija meta għarraqt dik ix-xini Torka, il-bieb tal-palazz tas-sultan għalik dejjem miftuħ.

ĊEJLU M'hux biss, imma sar ukoll il-qaddej fidil tas-Sultan La Valette.

TONI U int uffiċjal, Ċejlu Tonna, m'hux inqas minni, daqskemm huwa jittama fil-ħila tiegħek.

ĊEJLU Oqgħod bil-qiegħda, Ton

RAJMON. Iva, ħalli nmur inġibilkom xi ħaġa. *(Joħroġ, u Toni u Ċejlu joqogħdu bil-qiegħda).*

ĊEJLU Ton, inti mgħarraf mill-aħbarijiet? Għidli, kif mar it-tieġ tiegħek dal-għodu?

TONI It-tieġ ma sarx.

ĊEJLU Kif???

TONI Kont ilbist u kollox, kif qiegħed tarani, l-għarusa Rożina mżejna bil-mantar, il-ħaddara kienu diġà bdew ixerrdu l-ward matul it-triq tal-knisja, x'ħin nilmaħ lil Ġanni l-baħri ġej fuqi jilheġ u qalli: "Bajada, isa, mingħajr telf ta' żmien, il-Gran Mastru La Valette iridek malajr għaliex irid jibgħatek b'messaġġ Sqallija".

ĊEJLU Qiegħed nibda nemmen li l-gwerra m'hix fil-bogħod.

TONI U hekku, li kif kont għadni liebes, ġirja waħda għal għand is-Sultan. Malli l-paġġ daħħalni quddiemu, insibu mdawwar bil-kbarat kollha ta' l-Ordni ta' San Ġwann u jinsabu

f'taħwida u s-Sultan qalli: "Bajada sakemm niktiblek din l-ittra, mur għand l-uffiċjal Ċejlu Tonna u għidlu jżomm ruħu mħejji għal dak kollu li jista' jinqala".

ĊEJLU Hawn jien, arani, malli jsejjaħli ntir bħal għasfur.

## It-Tielet Xena

Rajmondu u ta' qabel

RAJMON. *(Jidħol bix-xorb għal tlieta).* Uliedi, qatra minn dan tagħmel tajjeb.

RAJMON. Pa, naħseb li ser ikolli nħallik malajr.

RAJMON. Malajr?... Jaqaw?...

ĊEJLU Dil-miġja ta' Toni Bajada, li dal-għodu sfratta t-tieġ tiegħu għax ġie msejjaħ dikment mill-Gran Mastru La Valette, dalwaqt ikollha l-effett fuqi wkoll.

RAJMON. Sfratta t-tieġ għax ġie msejjaħ malajr. Ton, irrid naħseb li s-Sultan ma sejjaħlekx għal xejn. Nafu li meta Toni Bajada jiġi msejjaħ ħesrem mis-Sultan wara dejjem smajna xi bomba kbira.

ĊEJLU Pa, ma kontx qiegħed ngħidlek li s-Sultan qalilna biex inżommu ruħna fuq l-armi. Nissopponi li s-siegħa waslet.

RAJMON. Madonna Qaddisa, agħtina l-għajnuna. Iva, uliedi, ixorbu din il-qatra li ġibtilkom. *(It-tlieta jixorbu).* Għallanqas, hekk inkunu nistgħu ngħidu li qabel ma xerridtu demmkom għal art twelidkom, xrobna qatra flimkien.

### Ir-Raba' Xena

Franġisku u ta' qabel

FRANĠ. *(Xwejjaħ sabiħ, jidħol jimsaħ ħaddejh mid-dmugħ).* Toni, kont ukoll niskossa l-bieb ta' barra, kont ukoll indur Malta kollha biex insibek. Mort fil-palazz tas-Sultan u wieħed mill-paġġi qalli li int tinsab hawn.

RAJMON. Issa aħna lkoll. Pietru, anzi int trid min isejjaħlek Franġisku, ixrob magħna.

FRANĠ. Aħfirli, sur Rajmondu; li kien ħin ieħor, iva... *(Jerġa jimsaħ xi demgħa).*

RAJMON. Imma, ħabib tiegħi Franġisku, jiena qiegħed nara sewwa? Inti qiegħed tibki?

FRANĠ. Għandi biex naħsel lart bid-dmugħ. *(Imur fuq Toni li s'issa baqa' jitkellem minn taħt l-ilsien ma' Ċejlu).* Ibni, hekk inti tħalli lil min ta ħajtu għalik? Hekk tmur tifga l-ferħ u l-hena li kienet qiegħda timla' l-qalb ta' Rożina? Dik it-tfajla li fin-Naxxar kollu qatt ma twieled ġmiel ta' blanzun bħala, u int dan il-blanzun ħallejtu jqattar id-dmugħ tad-demm meta kien wasal biex jiftaħ.

TONI Missier, l-ordni tas-Sultan!! Il-gwerra tal-fidi u l-imħabba għal art twelidi!! Int taf li għalija dawn huma għeżież daqs dawk l-għajnejn li qegħdin jibkuni.

FRANĠ. Imma int l-iben waħdani tiegħi li fik nara l-ġmiel kollu taż-żgħożija, int kellek diġà riġlejk fuq it-taraġ tal-knisja biex ma' Rożina tingħaqad bis-sagrament taż-żwieġ ma' dik l-anġlu li nħela bl-imħabba warajk. Hsibt inti x'għamilt b'idejk? Kulħadd imbikki u jtenni l-istess kelma: "Toni Bajada naqas minn kelmtu".

TONI Imma missier, meta għandek l-għadu wara biebek li qiegħed jheddidlek ħajtek, ma jibqax dmirijiet li joqtlu dan id-dmir.

FRANĠ. Toni, imxi miegħi d-dar u waqqaf dak id-dmugħ. Jiena missierek u għandi d-dritt fuqek. Jeħtieġ li qabel ma taqdi lis-Sultan, l-ewwel isir iż-żwieġ, jekk ma tridx li Rożina tmut u magħha mmut jien ukoll......

TONI Missier, aħseb ftit. Li kieku t-Torok jaqbżu fuq l-art tagħna għall-għarrieda, min minna sejjer jibqa' ħaj?

RAJMON. Sewwa qiegħed tgħid, ibni, jeħtieġ niftħu għajnejna. *(Imur fuq Franġisku).* Hares, Franġisku, jiena wkoll missier ta' tifel waħdani, bħalek sejjer ikolli nitlef lill-ġawhra ta' qalbi, Ċejlu, li l-iskola tiegħu biss swietli l-mimmi ta' għajnejja. Imma jiena, jekk jeħtieġ li jkollu jitlaq issa stess għall-gwerra biex ixerred demmu għall-fidi u għal Malta, jiena mbierku b'idejja t-tnejn.

ĊEJLU Jiena wkoll tajt il-kelma lil Ġannina tiegħi u għada wkoll hija taħsel ħaddejha bid-dmugħ, iżda taħseb inti li jekk ma jkunux dawn ixxwabel, għada jisbaħ għall-għarajjes tagħna?

TONI Missier, mur għid lil Rożina li għad fadal żmien biex inkunu ta' xulxin. L-ewwel il-fidwa.

FRANĠ. Imma kif, tħallini nerġa' lura u nidher waħdi quddiem dawk l-għajnejn tad-duluri? *(Tinstema' sparatura ta' kanun).*

ĊEJLU X'ikun dan? *(Imur iħares).* Spara l-kanun tal-Birgu. Id-daħna ħierġa minn fuq il-bejt tal-palazz tas-Sultan.

TONI *(Imur iħares ukoll)* Ah!! Ejjew araw, hemm, taħt il-ħmura tax-xemx li għada kemm niżlet... għiduli li qiegħed nara sewwa... dawk il-qlugħ bojjod u sofor... mixjin f'wiċċ l-ilma...

ĊEJLU Dawk huma x-xwieni ta' l-għedewwa. *(Jaqbad ix-xabla li kien ħalla fuq il-mejda).* Pa, int ukoll mur qiegħed fuqek il-kurazza. Il-lum, l-ebda bniedem ma jista' jgħid li l-elmu tal-ħadid u l-kurazza ma jkunux ta' għajnuna.

RAJMON. Mela, ibni, immur għax jien ukoll nixtieq li n-nagħal taż-żwiemel Torok ma jirfsux fuq l-art miżrugħa tagħna. *(Rajmondu u Ċejlu jidħlu għal ftit, u mbagħad jerġgħu joħorġu).*

FRANĠ. *(Itihem l-aħħar kliem ta' Rajmondu).* In-nagħal taż-żwiemel Torok ma jirfsux fuq l-art miżrugħa tagħna. *(Jibqa' ħosbien).*

TONI Ix-xwieni qegħdin dejjem jiżdiedu... issa jid-hru aktar fil-qrib... *(Sparatura oħra ta' kanun aktar qawwija).* Missier, l-ebda minuta żmien ma trid tintilef. Ix-xwieni tal-għadu ma joqgħodux jistennew li aħna noqgħodu nixxut-taw id-dmugħ ta' għajnejna. *(Deħra tax-xwieni).*

FRANĠ. Ibni, mill-idejn tiegħek tal-għaġeb iħaddar u jħammar bħad-deheb ir-raba' tiegħi. Din is-sena, il-qmugħ huma ta' kotra kbira, u rrid jien li jiġu ż-żwiemel ta' l-egħdewwa biex je-qirduhom? Le, dan ma jkun qatt, ma jkun qatt!!!

TONI Hekk mela missier, ħallini nbusek. *(Toni jbus lil Franġisku).*

### L-Aħħar Xena

Fredu ta' Toledo, Rajmondu, Ċejlu u ta' qabel

RAJMON. *(Lil Fredu)* Għaddi, nobbli paġġ tas-Sultan. Hekku wkoll Toni Bajada.

FREDU Toni, is-Sultan bagħatni għalik u miegħek jiġi wkoll l-uffiċjal Ċejlu Tonna. ?

TONI Missier, berikni. Ma nafx nerġax ikolli x-xorti li narak......

FRANĠ. Ibni, jiena ġejt biex nieħdok miegħi b'saħħa, imma quddiem dawk ix-xwieni li dejjem joqorbu lejn Malta, ukoll li kelli ħames ulied, kont nagħtikom l-armi jiena stess f'idejkom biex tmorru tissieltu għalina. Kun imbierek, ibni. *(Jgħannqu miegħu).*

ĊEJLU Pa, jien mort tajt bewsa 'l ommi. Sabbarha int mill-biki tagħha bit-tama li nerġgħu naraw lil xulxin.

RAJMON. Le, ibni, inħallu l-biki. Din id-darba ommok ukoll ikollha taqbad ix-xabla.

FRANĠ. *(Jinfired minn Toni).* U jiena x'għandi l-ħila nagħmel għal dawn il-gżejjer tagħna? *(Joħroġ mus kbir minn ħżiemu u jibqa' jħares lejh).*

ĊEJLU Ix-xwieni ta' Sullejman huma ta' kotra kbira. Hi dehra li twerwer!!! Immorru ġirja waħda għad-dmirijiet li qegħdin isejħulna.

FRANĠ. Immorru; għal xi ħaġa nista' niswa jien ukoll. *(Jgħolli l-mus 'il-fuq).*

ĊELJU *(Lil Franġisku).* Issa tassew tista' tissejjaħ missier tal-qalbieni Toni Bajada. *(Imur fuq Rajmondu).* Pa, tini l-barka tiegħek, minn hawn dritt għal għand is-Sultan biex naqdu d-dimirijiet tagħna. Biex naqbdu l-armi f'idejna!!

RAJMON. Kun imbierek, ibni. *(Filwaqt li Rajmondu qiegħed igħannaq lil Ċejlu, tinstema t-tielet sparatura ta' kanun u fil-ħin li Ċejlu u Bajada jbusu lil missierhom għall-aħħar darba, jinfirdu minnhom bħal-leħħa ta' berqa u joħorġu 'l barra).*

FREDU Imsejkna missierijiet!!! Ibqgħu hawn, itolbu sakemm taraw li dawk ix-xwieni li daħlin fil-portijiet tagħna jerġgħu joħorġu u mill-ġdid terġgħu tgħannqu lil uliedkom.

TMIEM TAL-PROLOGU.

## L-EWWEL ATT

Fil-Palazz tas-Sultan La Valette. Żewġ imwejjed waħda fix-xellug u l-oħra fil-lemin, ma' dwarhom siġġijiet. Gallarija li tagħti għal barra mgħottija b'purtiera. Inkwadri taż-żejt. Kollox juri l-kobor tal-Palazz tas-Sultan.

### L-Ewwel Xena

Pietru del Monte u Kostantinu

PIETRU *(Jippassiġġa matul ix-xena).* Kmandant Costrioto, jiena beħsiebni nitkellem ċar; jiena bħala ammirall ta' 25 xini tal-Ordni ta' San Ġwann ma nistax inġebbed aktar fit-tul din l-agonija... għadni kemm irċevejt messaġġ minn għand il-kaptan ta' San Raffel li kellimni fl-isem tal-baħrin kollha fejn qalli li fuq l-iġfien jonqos l-ikel, il-baħrin ma ħadux il-pagi u għalhekk ħafna minnhom ma jridux jissuktaw il-gwerra. Ix-xwieni tagħna jinsabu mgħalqin fil-portijiet, nofs il-kavallieri ħallew ħajjithom ħafna Maltin midruba, l-għatx u l-ġuħ beda jgħafas lil kulħadd, jonqos il-porvli; kif irridu nissuktaw il-gwerra f'dan l-assedju, assedju tal-biża'?

KOSTAN. Hallejt l-aħjar ħaġa Ammirall.

PIETRU Trid tgħid......

KOSTAN. Jonqsu l-flus li mingħajrhom ma jsirux gwerer. Min jaf x'sejjer jgħid is-Sultan x'ħin nasal biex ngħidlu li fit-teżor ma fadalx zekkin wieħed tad-deheb.

PIETRU U mela x'aħna qegħdin nistennew li ma nċedux l-armi? Aħjar li nitilfu lil Malta u ma nissagrifikawx il-bqija..jekk aħna nċedu Malta lil

għadu, inkunu qegħdin nagħtu l-ħajja lil Maltin li fadal.

KOSTAN. Toni Bajada u Ċejlu Tonna ma' sħabhom il-Maltin ma jaħsbux hekk. Huma kollha kelma waħda; "Il-mewt u mhux irsira tal-kiefer Sullejman"!

PIETRU Toni Bajada wara li ħaraq dik ix-xini Torka maġenb Barbarija ġie mniżżel mal-lista tal-mejtin, u Ċejlu Tonna issa jinsab hawn fil-Palazz imexxi l-korp tal-għassa.

KOSTAN. Sullejman xeħet għajnejh fuq dawn il-gżejjer, bil-ħsieb li ma joħroġx aktar minn hawn ġew.

PIETRU Huwa f'dan l-assedju tafa' 193 bejn xwieni u ġfien li qegħdin idawru lil Malta bħal ċirku u fuq Sant'Iermu niżżel ġa 50,000 Tork u nibża' li r-raġġi tax-xemx ma jkunux intfew li hawn fuq il-Birgu u l-Isla ma narawx tperper il-bandiera tan-Nofs Qamar, bħalma qiegħda tperper fin-naħat l-oħra tal-Marsa, taż-Żurrieq u ta' Kordin. X'qegħdin nistennew, għidli Kostantinu?

KOSTAN. Lil Gran Mastru La Valette ħallejtu hemm jitlob donnu bħal ras maqtugħa.

PIETRU Il-Gran Mastru ... jien issa bdejt nemmen li l-glorja tiegħu qiegħda tnemnem bħal lampa taż-żejt. Huwa f'dawn iż-żmenijiet tat-taħbit kien imissu ħalla t-tlellix tal-festi u jaħseb biss għall-gwerra. Huwa ħaseb li t-Torok bil-mewt ta' Dirgħawd sejrin jaqtgħu qalbhom.

KOSTAN. Il-festi li baqa' jagħmel il-Monsinjur, huma ħwejjeġ li juru l-ħniena ta' qalbu. Huwa jixtieq jagħmel kollox biex iżomm lit-tfal tal-Maltin ferħanin, daqskemm lilhom iħobb.

PIETRU Għaliex ma reġax bagħat xi qalbieni Sqallija biex jitlob lil Don Garzia ta' Toledu jibgħatilna l-għajnuna tax-xwieni tiegħu.

KOSTAN. Huwa bagħat, ma' l-imsejken Toni Bajada ma reġax lura. Is-Sultan m'hux jitgħażżen. Hu għamel minn kollox biex jilqa' dan l-assedju. Huwa qiegħed sidru minn ta' quddiem f'din it-taqtigħa. Haseb għal ħażniet ta' qmugħ u ilma, iżda wara tliet xhur ta' ġlied mingħajr serħan, kif ninsabu mgħaluqin mill-għadu hawn fil-Birgu u l-Isla, huwa tassew miraklu li għadna fuq riġlejna. Aktar minn darba s-Sultan bagħat u kiteb lil Viċire ta' Sqallija, iżda issa huwa wkoll beda biex jitħasseb li Don Garzia jrid jgħaddi ż-żmien bina.

PIETRU U b'dan kollu għadu jittama u jħalli ż-żmien għaddej hekk, bħal li kieku l-Ordni ta' San Ġwann tinsab rieqda fuq l-imħaded tal-paċi. Ilna sebgħat ijiem f'din l-aħħar battalja, meta sejrin nifhmuha li minn ħin għall-ieħor sejrin nistennew li l-għadu minn Kordin jaqbeż fuqna bħal sajjetta? U hekku li nsibu ruħna fil-jasar.

KOSTAN. Is-Sultan ġej...... *(skiet)*.

### It-Tieni Xena

La Valette u ta' qabel

LA VAL. Sinjuri, Giovanni De La Cerda bgħatli lura x-xabla tiegħu maqsuma u mar jingħaqad ma' l-għedewwa, meta konna tant nittamaw fil-qawwa tad-driegħ tiegħu. Dan huwa d-demm nobbli li jiġri f'ġisem ta' Prinċep. Jaqsam ix-xabla li fuqha ħalef fedeltà lejn l-Ordni ta' San Ġwann biex ixerred demmu għall-fidi ta' Kristu! Huwa qal li ma ridx aktar jaqdini... f'ħini-

jiet bħal dawn meta s-Salib ta' fuq sidirna diġà beda jitgħawweġ taħt riġlejn kiefra ta' Sullejman, u dan għaliex? Għaliex deherlu li s-siġġu tas-saltna kien imiss lilu... Għejra... Passjoni ... Imur jissieħeb ma' l-għadu. Huwa xeħet vleġġa f'qalb l-Ordni ta' San Ġwann. Huwa persekutur ta' Kristu.

PIETRU Monsinjur, bniedem bħal dak mhux ta' min jitilfu bħalissa. Il-kelma tiegħu kienet għasel għal qalb tal-Kavallieri; is-sider tiegħu kien tarka għal din il-gżira. Huwa seta' kien il-mexxej ta' din il-gwerra.

LA VAL. Min naffru, mhux dejjem kliem ta' ħlewwa kelli għalih; għejra, għejra!!

PIETRU Huwa kien jaf jaħseb fil-wisa'... Hu ried jieħu l-kmand tal-Kavallieri f'idejh biex jiddefendi lil Sant'Iermu u inti b'kelma rbattlu jdejh it-tnejn, Monsinjur.

LA VAL. B'dan kollu meta huwa kien hawn inti qatt ma kont taf tgħid kelma tajba bejnietna. Jiena naf tajjeb li bejnek u bejnu ma hemmx ħajta li torbot lil qalbkom.

PIETRU Naf Monsinjur, li De La Cerda mhux fjur tal-galantomi, ma meta kien jaqbad l-arma f'idejh ma kienx iħares lejn mewt jew glorja, u bħal issa meta d-dinja kollha qiegħda tħares lejn dan l-iskoll li minnu jiddependi t-trionf tas-salib li huwa jħoll u jorbot l-Ordni ta' San Ġwann, allura għandna nipperswadu ruħna li nies kbar bħal dawn huma meħtieġa.

LA VAL. Qiegħed tgħoġobni Armirall, qiegħed tgħid is-sewwa. Minn dan l-iskoll ta' Malta li bħal issa għajnejn il-Papa ta' Ruma qegħdin iħarsu fuqu bħal dik il-kewkba li mexxiet is-Slaten

Maġi. Il-qlub ta' l-insara ta' l-Ewropa kollha qegħdin iħabbtu qawwi, l-għajnejn ta' kull min niżel l-ilma tal-Magħmudija fuq rasu huma maħsulin bid-dmugħ. L-Ekkleżjastiċi jqumu bil-lejl jagħmlu l-penitenza, jitolbu u jittamaw; ma aħna jonqsuna l-armi u l-porvli, jonqsuna l-ilma u l-ħobż, jonqsuna d-dirgħajn tal-gwerrieri. *(Jgħatti wiċċu jikbi).*

KOSTAN. Monsinjur naqsam qalbi ngħidlek; ma' dak kollu li inti diġà semmejt, jonqosna xi ħaġa oħra.

LA VAL. Kmandant ikkumpatini, iżda għidli x'inhu li jonqosna?

KOSTAN. Jonqsuna l-flus, Monsinjur.

LA VAL. Kif? U t-teżori tiegħi? F'idejk jien ħallejt it-teżori kollha li kont writt mill-familja tiegħi!!

KOSTAN. Mit-teżori tiegħek inqas fadal ħabba waħda.

LA VAL. Jeħtieġli dan il-ħin stess 200 zekkin tad-deheb biex inħallas lill-bdiewa tal-qmugħ li kienu ġibuli, u 300 oħra biex inħallas lis-suldati.

KOSTAN. Jisgħobbija ngħidlek Monsinjur, imma tgħidx iżjed fuq it-teżori tiegħek.

LA VAL. Imsejken jien kieku għallanqas reġa' lura minn Sqallija l-qalbieni Toni Bajada li jiena bgħattu għand il-Viċi Re Don Garzia biex jibgħatilna l-għajnuna, imma nibża ħafna li Bajada miet ma' l-oħrajn.

PIETRU Monsinjur, Don Garzia mhux moħħu fil-gwerra qaddisa tagħna. Huwa qiegħed jgħaddi ż-żmien bina.

LA VAL. Kont narah qisu anġlu quddiemi kieku kien għadu ħaj Bajada, u jwasslilna xi aħbar tajba.

PIETRU U jekk din l-għajnuna li inti tlabt ma tasalx u l-għadu dal-lejl jaqbeż fuqna, min ikun jista' jeħles mid-dwiefer ta' dan l-iljun??

LA VAL. Allura xi trid, li ntellgħu idejna quddiem ix-xwieni ta' Sullejman u jinżlu t-Torok jorbtuna bil-ktajjen?

PIETRU Inċedu l-armi. Isir ftehim.

LA VAL. *(Jixgħel bħal vampa nar).* Inċedu l-armi. Ammirall, turix ruħek daqshekk dgħajjef. Kun dak l-Ammirall qalbieni ta' Rodi li mill-baħar tiegħu għamilt qabar tax-xwieni ta' Dirgħaud u mill-baħrin tiegħek għamilt ġiganti. Huwa wkoll eżempju tal-Maltin li rajniejhom dejjem jagħżlu l-mewt mill-jasar. Inqumu fuq tagħna Ammirall. Irrid li l-elmu u l-kurazza jleqqu fuq sider kulħadd; ukoll fuq il-qaddejja tiegħi, ukoll fuq in-nisa u t-tfal... It-tfal... Kmandant Kostantinu, hemm isfel fis-sala l-kbira hemm xi tfal ulied il-Maltin huma mixtieqa mill-ikel, inżel u qabbad lill-qaddejja jitimgħuhom ikla frott, aqta' kemm laring issibu fil-villa tiegħi u qassmuh lil dawk it-tfal.

KOSTAN. Monsinjur, il-laring qtajnieh il-bieraħ u qassamnieh lil baħrin li qegħdin jibku għal-tazza ilma ħelu.

PIETRU Dan huwa minnu... anzi jeħtieġli ngħidlek li bejn il-baħrin tiegħi hemm ċaqliq ta' tixwix.

LA VAL. Alla tal-ħniena!!! Ma jiena xtaqt li wkoll, dal-ħin li quddiemna jidhru d-dellijiet tal-mewt, nista' nigbor it-tfal tal-gżira kollha u x'ħin inżejjnilhom rashom bil-ward ngħaddil-hom l-isbaħ żmien ta' żgħożithom fil-ferħ, biex noqgħod nitgħaxxaq bl-innoċenza tagħhom. Fl-innoċenza tat-tfal jiena nsib il-qawwa tad-

driegħ t'Alla u f'dirgħajn missierhom insib il-kuraġġ. *(Imur fuq Kostantinu)*. Kmandant, għidtli li inti qiegħed tgħid is-sewwa jew li jiena qiegħed noħlom. Is-sultan Fra Juan La Valette fit-teżori tiegħu ma baqgħalux biex jixtri lariġ għal dawk it-tfal Maltin??

KOSTAN. Sinjur tiegħi, bżajt għal flus kemm stajt nibża' ma tinsix li l-ħtiġijiet tal-gwerra, bejn il-qmugħ merħliet ta' ngħaġ u l-ħlas tal-ħaddiema li bnew is-swar tal-Birgu faqqru t-teżori. Jien naf kemm int tħobb lit-tfal Maltin u bħassoltu, avolja ż-żminijiet huma koroh trid tħejjilhom il-festa tal-ward li jikbru fil-ġnien tiegħek biex ittaffilhom it-toqol ta' din il-ħarxa gwerra. Ma meta ngħidlek li inti għar minn talab li jmid idu għal karità... Għaliex it-teżor tiegħek ismu biss fadal.

PIETRU U tridu nissuktaw il-gwerra? *(Jidħaq)*.

LA VAL. Mur irgħan il-kullana tiegħi għand xi ħadd li jista' jislifna l-flus.

KOSTAN. Il-kullana tiegħek ilha diġà xi tliet ijiem mirgħana u ma fadallekx ħlief dak iċ-ċurkett li għandek f'idejk.

PIETRU Dan għandhom ikunu jafu l-għedewwa tagħna.

LA VAL. *(Iħares lejn iċ-ċurkett)*. Ukoll minn dan iċ-ċurkett ikolli niċċaħħad? Dan iċ-ċurkett li fih għandi mnaqqxa x-xbieha t'ommi!

KOSTAN. *(Waħdu)*. Mur għidlu li hemm affarijiet iktar kbar!...

PIETRU *(Jidħaq)*. Aħna qegħdin hawn friski bħal warda filwaqt li l-għedewwa tan-Nofs Qamar qegħdin ilestulna l-qabar.

LA VAL. Ammirall, int donnok bdejt taħseb fija bħal De La Cerda. Dak li mar jgħid li "is-sultan Fra

Juan La Valette poġġa l-kuruna fuq rasu biex biha jibni belt ċelestjali fuq is-sħab tad-deheb u jgħaddiha tajjeb''. Jiena kkonsagrajt ruħi 'l Alla mhux biex noqgħod inħares lejn il-ward tal-villa jew nitgħaxxaq bil-ġawar tal-kuruna ta' rasi, ma biex inżomm sħiħ is-salib li bħal-ġilju jiddi fuq sidirna. Hekku s-sultan biex iżżomm wieqfa l-fidi tiegħu... ftaqar tant li m'għandux biex jissokta l-gwerra. *(Jgħatti wiċċu jibki).*

KOSTAN. Oh kemm nitħassru lis-sultan tiegħi. Ammirall, jiena qatt qabel ma kont rajt lis-sultan jibki. Iżda għidtli huwa tassew li sejrin ikollna nċedu l-armi quddiem Mustafà Pashà?!

PIETRU X'fadlilna nagħmlu iżjed? Ix-xwieni tiegħi jinsabu magħluqin fil-port, in-nies tal-armi nofshom mejta, jonqos l-ikel, jonqos kollox; aħna aħjar intellgħu l-bandiera bajda u neħil-suha b'wiċċ il-ġid.

LA VAL. *(Iqum f'daqqa minn fuq il-mejda).* Le, uliedi. Aħfru lil dan id-dmugħ li xarrab ħaddejja. Aħna għad fadlilna t-tama tat-talb. Jiena liebes il-kurazza u bix-xabla fi ħżiemi rrid immur nitħallat mas-suldati tagħna. Iva, t-talb ikun it-tarka ta' dawn il-gżejjer għeżież tagħna. Dawn id-dirgħajn li qatlu lil Dirgħawd għad-hom jifilħu jissiltu.

*(Kostantinu u Pietru jmorru joqgħodu bil-qiegħda ma' dwar il-mejda).*

**It-Tielet Xena**

Roul, Cori De Robles u ta' Qabel

ROUL *(Jidħol ma' Cori liebsin ta' gwerrieri).* Alla jkun miegħek, Monsinjur!!

LA VAL. U magħkom ukoll Marixxal Roul, kmandant De Robles. *(Jieħu b'idejhom).* X'aħbarijiet?

Għiduli, fuq Toni Bajada nstema' xi ħaġa jekk huwa ħaj... jekk huwa mejjet...??

ROUL Fuq Bajada xejn Monsinjur. Ġejt naf biss li xi Maltin ħaduhom irsira ġewwa Barbarija.

LA VAL. Oh! Xi tlifna. Bajada kien qisu dik il-ħamiema li ġġib l-aħbarijiet l-aktar tajba.

ROUL L-aħbarijiet qegħdin jeħżienu minn siegħa għal oħra. Riġlejn l-għadu diġà rifsu fuq il-ġebel ta' Bighi u ġejt naf ukoll li De La Cerda ngħaqad ma' Pialì Bascà u diġà qabad f'idu x-ximitarra bħala kmandant għal-kawża ta' Mawmettu.

LA VAL. Dan tradiment!!!

CORI Monsinjur ma nixtieqx kieku indejjaqlek qalbek, ma xtaqt ma kellix għajnejn... x'ħin qiegħed inħares minn xifer is-sur u nara lit-Torok jaħtfu lit-tfal minn sider ommhom Maltin u jċartuhom!! Oh kieku stajt inħott il-ġebel tas-sur fuqhom. Qegħdin jagħtu n-nar minn kull fejn jgħaddu u issa ħafna ommijiet Maltin telgħu hawn lejn l-Isla u l-Birgu maħsulin bid-demm ta' uliedhom biex fik issibu l-ħniena.

LA VAL. Oh! Ħniena hawn ħafna ġo din il-qalb... u n-nies tagħna?? Xi kemm għad fadlilna suldati ħajjin?

ROUL Minn 350 kavallier mietu mal-180 u magħhom mietu 9,000 Malti, suldati u pajżani. Baqa' mal-160 kavallier u xi 500 suldat Malti u hemm oħrajn midruba.

LA VAL. Dawn issa fejn huma?? X'qegħdin jagħmlu??

ROUL Il-Maltin qegħdin ilestu l-ġebel, idewbu l-qatran u jidilkuh maċ-ċrieki biex minn fuq is-swar jixħtuhom jaqbdu fuq l-għedewwa. Hemm san-nisa u t-tfal jgħinuhom.

SALESIAN ORATORY
ALEXANDRA STREET
SLIEMA-MALTA

LA VAL. Tkixxiftu xi ħaġa kmandant De Robles?

CORI Il-ħsieb tal-għadu huwa li jibgħat is-suldati jħottu l-Imdina, il-Kastell t'Għawdex u bix-xwieni jibdew iġorru lil Maltin kollha li jaqbdu taħt idejhom inkella nirrendu.

LA VAL. Nirrendu qatt. Naħslu bid-demm dan is-salib abjad ta' fuq sidrina ma nċedu l-armi qatt. *(Idur fuq Pietru)*. Armirall, għall-imħabba ta' dak Alla li rabatna fuq l-Artal biex niddefendu l-Knisja Tiegħu, rabbu l-ħila, tagħmlux bħal De La Cerda li qata' l-katina tad-deheb li kienet torbtu mas-salib ta' San Ġwann. Kuraġġ qiegħed ngħidilkom. Kulħadd għal post tiegħu. Minn din is-siegħa l-Vigarju ta' Kristu jew jara l-Knisja tifraħ bid-daqq tal-qniepen tagħha u tkanta t-Te Deum tar-rebħa, jew jaraha tinħasel b'wied tad-dmugħ u tad-demm. Huwa qiegħed hemm fil-Vatikan jitlob għalina. L-assedju tagħna huwa aħrax. L-art ta' dawn il-gżejjer għad iridu jinħaslu bid-demm u forsi mmutu aħna wkoll, imma l-bandiera tas-salib għad trid tidfen lil dik tan-Nofs Qamar. Qumu fuq tagħkom uliedi! *(Jinżel għarrkub-btejh, jgħatti wiċċu u jintilef fit-talb; min-naħa tat-triq tinstema għagħa kbira tan-nies tgħajjat)*.

PIETRU X'ikun dan? *(Jersaq lejn il-gallarija u jħares)*

KOSTAN. Ikun l-għadu li dieħel fuqna? *(Jersaq ukoll fil-gallarija)*.

ROUL Dan l-għajjat qiegħed ibeżżgħani. *(Jibqa' mħasseb)*.

CORI Għajjat li jfisser ħafna. Min jaf ninsabux fit-trufijiet tal-kawża tagħna!! *(Jersaq lejn Roul)*.

## Ir-Raba' Xena

Fredu ta' Toledo u ta' qabel

FREDU (*Jidħol u jmur fuq La Valette, l-għajjat jiżdied dejjem*). Monsinjur, aħfirli...... ma affarijiet sewda ġejt inħabbarlek.

LA VAL. Fredu ta' Toledo? Għidli?? Aħbarijiet fuq Toni Bajada?

FREDU Xejn minn dan Monsinjur. Hawn taħt il-gallarija jinsabu ċorma suldati Spanjoli qegħdin jiġġieldu mal-Maltin u kważi waslu biex jissieltu bl-armi......

LA VAL. Nista' naf x'inhi l-kawża? (*Roul u Cori jinteressaw ruħhom*).

FREDU Il-Maltin kollha jridu jissuktaw jitqabdu sakemm imutu, fil-waqt li s-suldati Spanjoli qegħdin jgħajtu "Jew nitħallsu jew nerħu l-armi minn idejna!"

LA VAL. Mur għid lil dawk li qegħdin jgħajtu li s-sultan ma fadallux x'jagħmel xejn aktar, anzi ħalli nidher jien quddiemhom. (*Imur fil-gallarija u Jitkellem mal-folla*). Suldati, jiena ma nistax inħabbat riġlejja u noħroġ id-deheb minn taħt l-art, ma nistax intella l-qmugħ f'qiegħ idejja, u inqas noħroġ l-ilma mil-blat. Ejjew oħorġuli qalbi minn ġewwa sidri u morru ibdulha mal-flus. Jiena demm biss fadalli għalikom u mhux fidda u deheb. (*Imur fuq il-paġġ*)... Mur Alfredu u tħalli lil ħadd jidħol mill-bieb il-ġewwa.

FREDU Tkun obdut Monsinjur. (*Isellem u jitlaq*).

LA VAL. Cori, Roul, bħal issa ma nixtieqkomx tkunu xagħra waħda minn ġismi. (*L-għajjat iżjed iżid*). Isma, isma liema theddid!

ROUL Għandek raġun Monsinjur.

LA VAL. X'nagħmel jiena, jekk mit-tezori kollha ma' fadallix ħlief il-kuruna li nilbes f'rasi.

KOSTAN. *(Jerġa' jidħol flimkien ma' Pietru li kienu nħbew fil - galarija).* Monsinjur... smajt sewwa jien? Inti għadek tittama fil-kuruna?

LA VAL. X'ifisser nittama?

KOSTAN. Il-kuruna m'hix aktar fil-Palazz tiegħek.

LA VAL. Qiegħed nifhem sewwa? *(L-għajjat jieqaf).*

KOSTAN. Il-kuruna tiegħek hija mirgħuna u prezza nfaqnih ukoll mal-flus l-oħra.

LA VAL. Tasal biex tagħmel dan mingħajr ma nkun naf jien? Inti taf kemm tiswa dik il-kuruna? Inti taf li meta rgħant il-kuruna tas-Sultan, qisek niżżiltu t-taraġ tat-tron tiegħu? Il-kuruna miksija b'dak il-ġawhar li misset mar-rjus is-slaten ta' qabli kollha, dak it-teżor li huwa biss jista' jitkellem minn dak li għadda fl-istorja tal-Kavallieri ta' San Ġwann, dik b'rebħa ta' l-għadu biss setgħet taqa' minn fuq rasi. Kostantinu, għidli fejn tinsab il-kuruna tiegħi?

KOSTAN. Aħfirli, Monsinjur. *(Kulħadd jibqa' mbikken).* Il-kuruna tiegħek b'rebħa biss tista' terġa' titpoġġa fuq rasek għax il-bniedem l-aktar għani li kien jinsab f'din il-gżira u setgħa jħallas għaliha kien il-Prinċep De La Cerda li bħal issa qiegħed id f'id ma' Mustafà Pashà. *(Għaġeb fuq kulħadd).*

LA VAL. Oh!! Il-kuruna tas-saltna tal-Kavallieri ta' Malta tinsab f'idejn l-akbar għadu tiegħi. Dik il-kuruna li kien ilu jixtieq iqiegħda fuq rasu minn floki. Inti jistħoqqlok il-mewt. Iżda ma

jkunx Don Jean La Valette li jċappas idejh bid-demm ta' wieħed Kavallier bħalu.

KOSTAN. Monsinjur, nitolbok li tismagħni. Il-ġimgħa li għaddiet kien jum l-Imnarja u hemm fir-Rabat fil-pjazza tas-Saqqajja qamet tixwixa ħarxa bejn xi 50 Kavallier ta' l-Ordni. **Huma bdew** jgħajtu: "Is-Sultan ġabar l-għana kollu tagħna għall-gwerra u aħna m'għandniex biex nixtru flixkun imbit; aħna rridu l-flus jew nitilqu l-armi." Fil-ħin, in-neputi tiegħek, Neriku Parisot qasam il-pjazza u hekku li riedu joqtluh kieku ma dħaltx jien ġo nofshom u għidtilhom: "Halluh ħieles lin-neputi tas Sultan u għall-flus nagħmililkom tajjeb jien." Għalhekk jiena rgħant il-kuruna, Monsinjur biex neħles lin-neputi tiegħek mill-mewt.

LA VAL. *(Milqut)*. Kif? Inti salvajt lin-neputi tiegħi? Ah, maħbub Kostantinu. Le, jiena ma nibdilx lin-neputi tiegħi mal-ġawhar ta' dik il-kuruna. Inti jistħoqqlok il-bewsa tas-Sultan. *(Ibus lil Kostantinu)*.

PIETRU *(Lil Cori u Roul)*. Sinjuri, is-Sultan tagħna donnu qiegħed jgħix fil-kwiekeb. Neputih nessih il-waħx tal-biża' li għandna quddiemna!!

CORI Ma tkunx niżlet ix-xemx li ma tfaqqax waħda tal-biża'......

ROUL It-Torok dan li qegħdin jistennew biex jaqbżu fuqna, isibuna aljenati bħal ma aħna issa...... *(imorru joqgħodu bil-qiegħda fejn il-gallarija jitkellmu bejniethom)*.

### Il-Ħames Xena

Neriku Parisot u ta' qabel kollha

NERIKU *(Jidħol)*. Maħbub ziju.

LA VAL. Neputi. Għal grazzja t'Alla inti għadek ħaj b'miraklu.

NERIKU Iva hawn huwa l-miraklu, ziju. *(Imur, fuq Kostantinu)*. Dan huwa l-feddej tiegħi. *(Imur ibus lil Kostantinu)*.

LA VAL. Naf, u l-fidwa tiegħek swiet ukoll il-kuruna tas-saltna tiegħi, neputi. Aħna issa ninsabu foqra, foqra tant li m'għandniex biex nitimgħu lis-suldati, u għalhekk il-gwerra ma nistgħux nissuktawha. Aħna ninsabu f'xifer l-irdumijiet.

NERIKU Jiena naf b'kollox, l-aħrax assedju tal-gżira, t-tweġħir ta' l-għedewwa, it-teżor, il-kuruna tiegħek, il-ġuħ, il-protesta tas-suldati u t-tiġrif ta' saltnatek.

LA VAL. Maħbub neputi xejn ma huwa mitluf là darba għad għandi lilek. Kont ukoll bkejtek mejjet fit-taqtiha ta' Sant'Iermu.

NERIKU Hemm kont ukoll sejjer inħalli ħajti.

LA VAL. Neputi, it-teżorier tiegħi Kostantinu bil-kuruna ta' rasi salva lilek mill-mewt, iżda x'tagħmel inti jekk ikollna nċedu l-armi quddiem Mustafà Bascà, u tara lil zijuk marbut bil-ktajjen biex inħalli lil dawn il-gżejjer f'idejn l-egħdewwa tan-Nofs Qamar?

NERIKU Le, aħna ma nirrendux. Qatt ir-riġlejn moqżieża tat-Torok ma jaffġux il-korazzi tagħna. Hawn ħares ziju. *(Jurih il-kaxxa tat-teżori li daħal biha f'idu)*. Dan it-teżor tiegħi kont ħbejtu fil-villa tiegħek. Hawn deheb, hawn ġawhar; dan hu l-wirt kollu tad-Dukessa ommi, hawn ukoll il-kullana ta' missieri; agħmlu kollox flus, isselfu flus ukoll fuq il-kastelli u

l-palazzi li għandi ġewwa Borgona. Isaw, biddlu kollox fi flus u ħallsu lil kulħadd mingħajr telf ta' żmien.

LA VAL. *(Jintela bin-nifs).* Qiegħed tara Ammirall Pietru, sinjuri, is-Sultan għadu ma ftaqarx għal kollox. In-neputi tiegħi għandu ġid biex iħallas id-djun kollha. Niżżikħajr neputi minn din il-ħniena tiegħek. Issa rrid nibda nittama li s-suldati tagħna jagħfsu aktar bil-qalb l-armi bejn idejhom...... u jiena neputi qatt ma tajtek xejn ħlief xi warda li tiftaħ bikrija fil-villa tiegħi. Ma biż-żmien għad inpattilek ta' kollox

PIETRU *(Li issa baqa' jitkellem ma' Roul u Cori fil-gallarija, issa jqum f'daqqa mistgħaġeb).* Monsinjur bit-teżori tan-neputi kollha ma nixtrux dak li huwa mitluf...... ejjew ħarsu ftit, is-suldati Spanjoli li kienu qegħdin hawn jgħajtu, ħarbu għaliex it-Torok taw in-nar u t-tlitt ibliet tagħna qegħdin jinħarqu!!! Ħarsu ftit x'ħalel ta' dħaħen, la jidher sema u inqas art! *(Kulħadd imur iħares).*

LA VAL. Dan id-duħħan jagħtik taħseb li Malta tinsab ħuġġieġa waħda!

KOSTAN. Dehra li tbeżżgħek.

ROUL Nagħmel imħatra li t-Torok taw in-nar lill-polvristi tal-parapetti tas-swar.

CORI Id-duħħan dejjem jikber...... fil-port ma jidhirx għajr xi mewġa tħabbat mal-blat.

LA VAL. F'din id-daħna l-għadu jista' jsib id-daqqa f'moxta biex jidħol hawn fuqna.

CORI Għallinqas ninżlu fuq il-kanuni tagħna. *(Joħroġ jiġri).*

ROUL Kollox għadu mhux mitluf. *(Joħroġ ukoll).*

NERIKU Dan huwa l-ħin li wieħed għandu jiċċaħħad minn kollox għall-kawża qaddisa tagħna. Ziju biddel il-paġġi tiegħek f'suldati, agħqilgħu wkoll il-kanċelli tal-ħadid tal-vilel tagħkom għal balal tal-kanuni. Ziju, jiena rrid immur nirkeb iż-żiemel tiegħi u mal-ġawhar li tajtek irrid ukoll noffri ħajti. Ukoll jekk naf li l-imħaded tiegħi jkunu l-ġebel tat-toroq u l-ikel ikun l-għeruq tal-ħaxix, irrid immur nissielet kontra t-Torok. *(Jitlaq)*.

LA VAL. Oh! Neputi. Fil-ħin li nimla qalbi bil-kuraġġ tiegħek, nibża' li għad ikolli narak mejjet. Iżda fil-vini tiegħek għandek id-demm tiegħi.

**Is-Sitt Xena**

Toni Bajada, La Valette, Pietru u Kostantinu

TONI *(Jidħol liebes ta' Tork)*. Inbus idejk Monsinjur.

KULHADD Bajada?!!

LA VAL. Kemm nifraħ li qiegħed narak mimli bil-qawwa u l-ħajja! Għidilna 'xi ħaġa Bajada, nistgħu nittamaw? Xgħadda minn għalik f'dan iż-żmien li ilek nieqes? *(Kulħadd imxennaq minn kliemu)*.

TONI Monsinjur, kieku taf min'xhiex għaddejt... Fil-waqt li jiena u Ġanni konna qiesna wasalna maġenb Sirakuża bid-dgħajsa, insibu ruħna maqbudin mill-pirati tal-baħar, ma lħaqtx dawwart wiċċi li daqqa ta' xabla ma ħażditlix widnejja. U f'kemm ili ngħidlek sibna ruħna fuq xini Torka, imbagħad irsiera ġewwa Barbarija.

LA VAL. U l-ittra li tgħajtek għall-Viċire ta' Sqallija?

TONI Dik kienet għażiża aktar mill-ħajja tiegħi, Monsinjur. Ħadd ma kellu l-ħila jsibħieli.

PIETRU U minn Barbarija kif ħlista Bajada?

TONI Lejla waħda jiena u Ġanni sibna l-għases reqdin, qbadna dgħajsa u ħrabna. Minn hemm bqajna sejrin Katanja u għalkemm rajna l-għarqa għal darbtejn, bl-għajnuna t'Alla wasalna għand Don Garzia ta' Toledo u fuq kollox kien ilsien Tork li jiena tgħallimt li ħelisna mit-tweghir kollu.

LA VAL. Irnexxielek tagħtih l-ittra lil Don Garzia?

TONI Iva Monsinjur, l-ittra tiegħek bqajt dejjem inżommha moħbija f'ħobbi sakemm wassaltha għand il-Viċire, iżda Monsinjur il-fehma ta' Don Garzia...

LA VAL. Għidli, semmgħani malajr.

TONI Huwa kieku jrid jibgħat ix-xwieni tiegħu biex jagħti l-għajnuna lil din il-gżira, iżda meta ma qallix u ħallieni nitlaq bit-tama......

PIETRU Il-ħuta minn rasha tinten. Huwa jrid jgħaddi ż-żmien bina.

LA VAL. *(Li qagħad jaħseb xi ftit).* Bajada inti għidtli li tgħallimt it-Tork tajjeb?

TONI Iva Monsinjur, u għall-baħar ngħum daqs ħuta.

LA VAL. Ammirall, kieku nibgħatlu lil Bajada jindiħes qalb it-Torok u jxerred ix-xniegħa li x-xwieni ta' Don Garzia waslu fi qrib Malta...

PIETRU Jogħġobni l-ħsieb tiegħek.

KOSTAN. Bravu, Bajada inti biss tista' tindaħal għal din il-missjoni, bl-ilsien Tork u b'dik il-libsa li għandek fuqek, tkun tista' tgħaddi u tofroq 'l għedewwa.

TONI Jien hawn lest biex nagħmel kollox għal Malta tiegħi, ma qabel nitlaq għandi ħwejjeġ ta' siwi kbir x'ngħidilkom, jiena diġà froqt 'l-għedewwa. Qsamt il-Marsa kollha li kienet miżgħuda bil-kampijiet tat-Torok u meta wasalt ħdejn Kordin...... ma' min niltaqa? Mal-Kmandant Giovanni De La Cerda; jiena bqajt mistgħaġeb.

LA VAL. La Cerda jinsab Kordin?

KOSTAN. (*Waħdu*) Min jaf x'xorti sabet il-kuruna tas-Sultan?

TONI Huwa ħasibni xi rajjes Tork u fetaħ qalbu miegħi.

PIETRU X'qallek?

TONI Jiena għaraftu mill-ewwel u stagħġibt mhux ftit li narah fil-kamp ta' l-għedewwa, imma qagħdt b'seba' għajnejn li ma niġix imqarraq.

LA VAL. Issokta Bajada.

TONI Allura beda biex qalli kif il-kapijiet qassmu l-pjanijiet tal-gwerra biex jidħlu rebbiħin fuq l-Isla u l-Birgu u wieħed mill-mezzi li bih għandhom jinqdew huwa billi jaħarqu ħafna putassa biex jimlew dawn it-tlitt ibliet bid-dħaħen u qalb dawn id-dħaħen jgħaddi Alì Candlissa bis-suldati tiegħu u jiġu jagħmlu lilek irsir Monsinjur, u b'hekk Malta ċċedi l-armi.

LA VAL. Jagħmlu lili irsir?...

KOSTAN. Hekku x'inhuma dawn id-dħaħen.

PIETRU Dan jgħidilna ċar li l-għadu dalwaqt insibuh fuqna.........

LA VAL. Bajada, inti bħala Malti l-iktar qalbieni xi tgħid, għandna nċedu l-armi?

TONI Il-mewt iva, ma nirrendu qatt.

LA VAL. Bravu Bajada. Ismek għad jibqa' jissemma fl-istorja ta' dan l-assedju. Issa jiena kif għidtlek nixtieq li taqsam il-port bil-għawm, tinżel Sant'Iermu qalb l-għedewwa, u kemm ixxerred ix-xniegħa li waslet l-għajnuna taxxwieni minn Sqallija. Mur mela għax issa l-waqt li nqarqu bl-għedewwa tagħna.

TONI Immur u l-Madonna tkun miegħi. *(Ibus id La Valette, isellem l-oħrajn u jitlaq).*

KOSTAN. *(Li mar jittawwal mill-gallarija)*. Qiegħed nara bħal bandiera tperper, tgħib u titfaċċa minn qalb id-duħħan...... hemm armi wkoll ileqqu ...... kemm armi ...... id-duħħan ma jħallikx tara... hawn huma t-Torok telgħin bħan-nemel max-xfarijiet tal-baħar fuq il-blat... *(La Valette u Pietru jmorru jħarsu).*

LA VAL. San Ġwann agħtina l-għajnuna. L-għadu riesaq fuqna aktar kmieni milli konna nistennewh. *(Jinstemgħu xi tiri tal-kanuni)*. L-għadu... tagħna fetaħ n-nar... Alla jkun magħhom... Madonna agħtina l-għajnuna... *(Jissokta l-isparar).*

PIETRU L-għadu beda jitferrex......

KOSTAN. Kemm bandieri... kemm kuluri ta' lbies...

### L-Aħħar Xena

Hamit, Fredu, La Valette, Pietru u Kostantinu

Imbagħad Ċejlu Tonna

FREDU *(Jidħol)* Monsinjur, l-Ambaxxatur ta' l-għedewwa qal li għandu missjoni kbira x'jaqdi miegħek.

LA VAL. Jgħaddi malajr. *(Fredu joħroġ u jerġa' jġib miegħu lil Hamit).*

FREDU Monsinjur, l-Ambaxxatur. *(Isellem u jitlaq. Pietru u Kostantinu mill-gallerija jerġgħu għas-sala).*

LA VAL. X'għandek xi tgħidli?

HAMIT Sultan, jiena ġejt għandek f'isem ir-Rajjes Mustafà Bascà. Huwa bagħat jgħidlek jekk tagħżilx il-ftehim jew inkella tilgħab l-aħħar karta u tkun it-telfa għalenija tal-Ordni ta' San Ġwann. F'dan il-każ huwa jħalli lilek u lill-Kavallieri toħorġu mill-gżira, basta li twegħdu li ma terġgħux lura f'dawn il-gżejjer.

LA VAL. Kliemek ma jistax ikun aktar ta' żebliħ. *(Lil Hamit).* Intix tara dak il-fondoq ta' Sant' Iermu? Dak jiena żammejtu biex ikun il-qabar tagħkom.

HAMIT Sultan inti kont il-qattiel ta' ħatni Dragut u inti sejjer tħallas il-laħam ta' kollox.

LA VAL. Kostantinu, aqbdu lil dan il-bniedem u tuh il-mewt.

PIETRU Hawn ja bin Mawmettu. *(Jaqbad lil Hamit minn spallejh).*

HAMIT Intom toqtluni, ma minn hawn u ftit ieħor ir-Rajjes Alì Candlissa jkun hawn bis-suldati tiegħu biex jgħallaqkom ilkoll. *(Pietru jaqbad lil Hamit u b'herra jibqa' ħiereġ bih).*

LA VAL. Candlissa huwa gwerrier qalil, huwa dieħel; Kmandant sib xi mezz int.

KOSTAN. Għandna bżonn ta' xi gwerier qalbieni li jidħol ġewwa Kordin u jagħti n-nar lill-porvlisti li hemmhekk għandhom maħżuna t-Torok.

LA VAL. Gwerrier qalbieni??...... Min għandu l-ħila jidħol Kordin mingħajr ma jinqabad? *(Imur*

*iħares fil-gallerija).* It-Torok qabżu l-parapetti tas-swar. Min sejjer jifdi lil din il-gżira? Aħna mitlufa...... Aħna mitlufa!!......

ĊEJLU *(Jidħol jiġri).* Monsinjur, jiena nifdi lil din il-gżira mill-qalil Candlissa.

LA VAL. Ċejlu Tonna, l-anġlu sabiħ ta' Malta. Kien għoddu ħareġ minn rasi l-kuraġġ u l-ħila taddriegħ tiegħek għall-armi. Mur, iftaħ il-ġwieneħ tiegħek u tir biex tilqa' lil Candlissa. Fl-isem tiegħi mur għid lill-Marixxal Roul jagħtik kemm suldati għandu u ħudhom miegħek.

ĊEJLU Sa fl-aħħar sejjer niltaqa' sider ma' sider ma' dak il-mibjugħ Grieg li seraqli l-għarusa tiegħi. Sejra tkun kbira t-taqbida tagħna......

KOSTAN. Qawwi qalbek Ċejlu Tonna. Minn idejk il-kuruna trid terġa' titqiegħed fuq ras is-Sultan tagħna!!

ĊEJLU Berikni Monsinjur. *(Jinżel għarrkupptejh).*

LA VAL. Kun imbierek ibni l-għażiż. Minn issa stess naħtrek kaptan. Hu din ix-xabla. *(Jaqla' x-xabla tiegħu u jagħtihielu).* Alla u San Ġwann jagħtuk l-għajnuna. *(Jgħannqu miegħu).* Jiena nkun hawn qiegħed nitlob għalik. *(Taħt il-gallerija tinstema' għagħa kbira u taħwid tan-nies).*

ĊEJLU *(Ibus id La Valette u jinfired minnu).* Għalina Candlissa. *(Jitlaq jiġri. La Valett jgħaqqad idejh u jinżel għarrkupptejh jitlob, Kostantinu jmur jiġri għall-gallarija. Jinżel is-separju).*

TMIEM TA L-EWWEL ATT

## IT-TIENI ATT

Il-Bandiera tan-Nofs Qamar. Ġewwa t-Torri ta' Kordin, tieqa għal barra u bank tal-ġebel fejn joqgħodu l-kalzrati.

### L-Ewwel Xena

Ċejlu Tonna, Pialì Bascà, Mustafà Bascà, imbagħad Giovanni De La Cerda. Mat-tlugħ tas-separju Ċejlu Tonna jinsab marbut bil-ktajjen minn idejh u minn riġlejh u qiegħed bil-qiegħda fuq il-bank tal-ġebel rasu baxxuta u wiċċu moħbi bejn idejh. Mustafà bil-wieqfa jħares mit-tieqa.

PIALI' *(Jidħol imgħaġġel u jmur fuq Mustafà).* Sidi Rajjes Mustafà Bascà, ħadd ma jista' jżomm lis-suldati tagħna, jridu b'saħħa f'idejhom lil dak il-kelb nisrani ta' Ċejlu Tonna, biex joqtluh.

MUSTA. Għadu mhux il-waqt Pialì Bascà. Dik il-Malti nisrani għad irid jgħidilna jekk hux tassew li s-Sultan La Valette waslitlu l-aħbar li l-Viċire ta' Sqallija bagħat ix-xwieni tiegħu biex jgħinuh u qegħdin qrib Malta. Irid jgħidli wkoll min kien dak li kellu l-ħila jofroq il-baħar tagħna u jġib din il-bxara?......

PIALI' Ja Rajjes xejn ma jiswa li inti tissokta thedded lill-priġunier biex toħodlu nofs ta' kelma minn fommu għaliex jiena għaddejt il-lejl kollu maġenbu nistaqsih fuq il-qagħda tal-Kavallieri ġewwa l-Birgu u huwa anqas biss refa' għajnejh iħares lejja.

MUSTA. Il-kelb Malti jerfa' rasu meta s-suldati tagħna jiġu biex jaqalgħulhu għajnejh. *(Ċejlu jiċċaqlaq).*

PIALI' Inti taqlagħlu għajnejh ma fommu jibqa' sieket. L-aħjar nagħtuh il-mewt u nitfgħu l-ġisem tiegħu barra mit-tieqa. Għaliex id-demm tiegħu biss jista' jaqta' l-għatx ta' l-eżerċitu tagħna.

MUSTA. Haqqu jiġi mħallas bħal dawk il-klieb li joħorġu jimbħu warajna minn ġewwa l-irziezet, daqskemm xerred demm Mawmettan! Huwa qatlilna l-aħjar nies ta' l-armi u sejrin inħalluh jorqod fuq dan is-sider tagħna?

ĠANNI *(Jidħol imgħaġġel)*. Ja Rajjes Mustafà, il-kavallieri telgħin mas-slielen u deħlin għal fuqna. Inħallu lil dan il-priġunier waħdu, huwa marbut tajjeb u aħna naħsbu għal ħwejjeġ aktar kbar...

ĊEJLU *(Bil-mod)*. Dan mhux leħen ġdid għalija.

MUSTA. De La Cerda, naħseb li tafu lil dan il-priġunier.

ĠANNI Ma nafux ja Rajjes... *(B'ħarsa li huwa jagħti lil Ċejlu jfehmu storja. Ċejlu jifhem)*.

MUSTA. Tajjeb ħallihom jiġu lil dawk li kienu darba sħabek kavallieri.

PIALI Dan it-torri huwa għadma iebsa għal snienhom... aħna nagħżlu li l-porvli jordomna taħt dan it-torri milli naqgħu f'idejn dawk il-klieb.

MUSTA. De La Cerda, mur u għid lil Rajjes Candlissa li jżomm lis-suldati tiegħu b'għajnejhom miftuħa skond l-ordnijiet li tgħajtu ftit ilu. Mill-ħila tiegħu tiddependi r-rebħa tagħna.

ĠANNI Nobdik. *(Joħroġ)*.

MUSTA. *(Imur fuq Ċejlu)*. Smajtha l-kundanna tiegħek, ja nisel il-Malti? Tagħżel li naqgħalawlek għajnejk jew tgħidilna x'inhuma l-ħsibijiet tas-sultan fuq din il-gwerra?...

ĊEJLU Jekk taqgħalawli għajnejja jibqgħawli jdejja biex nissielet.

PIALI' Għad għandek tama' li teħles minn dawk il-ktajjen?

ĊEJLU Nittama dejjem...

MUSTA. *(Jhemes lil Piali).* Inti mbejken ma tafx, ma jiena mgħarraf mis-sewwa li s-sultan La Valette għajrek bniedem bla ħila, quddiem ħutek il-Maltin u l-Maltin infushom ċaħdu li jafuk. Għalhekk inti ma għandekx pajjiż... issieħeb magħna u nordmuk bil-flus, u nimlilek sidrek bil-midalji.

ĠANNI Dan kollu inti qlajtu minn żniedek. Hollu l-qlugħ tax-xwieni tagħkom u ħallu dawn il-gżejjer. B'hekk biss jiena nista' nkun ħabib tagħkom.

MUSTA. Trid ukoll tagħmlilna l-liġijiet, filwaqt li inti marbut b'dawk il-ktajjen?...

PIALI Inħallu dawn il-gżejjer, ma qabel irridu nkunu nafu li fuq dan l-iskoll ma jkunx hawn ruħ li f'qalbha ġġib maħżuż is-salib. In-nofs qamar irid jieħu l-post tas-salib ta' San Ġwann.

ĊEJLU Is-salib huwa l-helm ta' Kristu, u dak l-istandard bis-Salib abjad ta' San Ġwann jibqa' jperper hemm fuq biex jagħtikom l-aħħar tislima meta x-xwieni tagħkom maħruba jkunu qegħdin jgħebu qalb il-mewġ fil-bogħod biex ma jerġgħux aktar lura fil-gżejjer tagħna .

MUSTA. Ktajjen u mewt hemm imħejjin għan-nies ta' dawn il-gżejjer.

ĊEJLU Malta qatt ma ħalliet jorbtuha l-barranin... tkun qabar iva... tissaqqa bid-demm ta' uliedha... ma wara t-telfa ta' ġenskom tibqa' bħala

arka ħelwa li fiha jgħammru l-qlub ta' l-eroj qawwija.

PIALI' Mela nħall minn dik il-katina jekk għandek il-ħila...

ĊEJLU Ftakar li qiegħ il-baħar tal-portijiet tagħna huma mimlijin bil-katavri ta' l-akbar nies tagħkom. Intom ġejtu hawn Malta biex taqtgħu l-għatx u tiġbru dak il-ġieħ li intom tliftu ma' l-Ispanjoli hemm fuq l-ixtut tal-Barbarija.

MUSTA. Nistgħu aħna noqgħodu għal dan il-bżieq li qiegħed jixħet f'wiċċna dan il-kelb Malti?... *(Jara lil Hamit riesaq)*. Oh! Ibni Hamit, fejn huma dawk is-suldati li għandhom jiġu jaqgħalawlu għajnejh lil dan il-misħut minn Mawmettu??!!

### It-Tieni Xena

Hamit u ta' qabel

HAMIT *(Jidħol imgħaġġel)*. Ja Rajjes missieri, ħallikom minn dak il-misħut Malti. Ejjew ilkoll naqbdu l-armi għaliex il-Maltin mal-kavallieri deħlin fuqna bil-bnadar tagħhom miftuħa u l-mogħdija tiddi bħal xemx bil-kotra ta' armi li għandhom f'idejhom.

ĊEJLU *(Waħdu b'ħeġġa)*. Huti l-Maltin dieħlin sider ma' sider għal battalja... Kemm nixtieq li kont qiegħed magħhom!

PIALI' Rażżan ilsienek għaliex inti ma tarax ix-xemx ta' għada.

ĊEJLU Jiena naf li bħala irsir tagħkom għada nista' nagħlaq għajnejja jew ukoll taqilgħuhomli biex ma nkunx nista' nara iżjed il-portijiet sbieħ tagħna. Ma jekk huwa minn Alla li jiena għad

irrid nissokta nissielet biex nifdi art twelidi, jiġu l-anġli jħolluni minn dawn il-ktajjen u nitfgħukom il-baħar ilkoll.

MUSTA. Hamit ! ! !

HAMIT Rajjes ! ! *(Imur quddiem Mustafà).*

MUSTA. Ibqa' f'dan it-torri għasses lil dan il-kelb Malti. Għandhom jiġu żewġ suldati jaqalgħulhu għajnejh, u jekk nerġgħu lura ħajjin minn din il-battalja nagħmlu miegħu l-aħħar kontijiet.

PIALI' Kif, Rajjes sejrin nitilqu u nħallu warajna qabda bħal din ? !

MUSTA. Għad għandna żmien nixorbulhu demmu. Imxi.

HAMIT Morru, issa huwa irsir ta' dan l-istallet tiegħi. *(Mustafà u Pialì jitilqu).*

### It-Tielet Xena

Hamit u Ċejlu

ĊEJLU *(Malli Mustafà u Pialì joħorġu jinstemgħu t-trombi tal-fidda jdoqqu).* Dawn huma t-trombi tal-fidda tal-kavallieri ta' Malta ! Huma deħlin *(Dejjem ferħan).* Oh ! ! Madonnina, tfajla ċkejkna li fil-ħolm tiegħi rajtek tiddi bħala kewkba taż-żerniek... itlob inti għalina... agħtina l-vittorja... Huti suldati, Ċejlu Tonna jinsab hawn marbut bil-ktajjen... ma qalbi qiegħda tħabbat u ruħi mixgħula bit-talb għalikom ukoll.

### Ir-Raba' Xena

De La Cerda u ta' qabel

ĠANNI *(Jidħol bil-għaġġla)* Oh ! ! Bin Sidi Hamit, it-taqtija bdiet, jiena minn ġewwa dan it-torri sejjer immexxi s-suldati tiegħi... inti mur ma-

ġenb it-tieqa u kun af għidli min hu miexi għal-vittorja.

HAMIT *(Imur maġenb it-tieqa u ma jaqlgħax għajnejh minn hemm)*. Tajjeb Kmandant.

ĊEJLU Alla jkun magħkom ħuti l-għeżież. Agħmlu l-ħila tagħkom... f'din il-battalja hemm il-ħajja jew il-mewt tal-Maltin.

ĠANNI *(Lil Hamit)*. Bin Sidi Hamit, x'inti tara?

HAMIT L-għedewwa daħlu sider ma' sider... din id-darba hemm il-Marixxal Roul ukoll... qiegħed imexxi l-battalja... wieħed kavallier liebes il-kurazza mill-lewn il-fidda... daħal biż-ziemel qalb iż-żwiemel tagħna...

ĊEJLU Il-ħabib tal-qalb tiegħi...... in-neputi tal-Gran Mastru...... kuraġġ Neriku, l-anġli jindukrawk...... *(Jilmaħ lil De La Cerda)*. Jiena l-ewwel ma kontx imqarraq...... il-kmandant tiegħi De La Cerda!...

ĠANNI *(Imur maġenb Ċejlu)*. Għaraftni, Ċejlu?

ĊEJLU Iva kmandant!

ĠANNI Kliem mill-inqas, għodd ruħek li ma rajtnix u li ma tafnix... għandhom jaslu żewġ suldati biex jaqalgħulek għajnejk, ma jiena rrid nifdik. *(Imur fuq Hamit)*. Bin sidi Mustafà ħalli mmur nara kif inhuma sejrin is-suldati tagħna. *(Imur iħares minn ġewwa t-tieqa)*.

HAMIT Qegħdin jiġġieldu raġel b'raġel...... *(Jirtira f'daqqa mit-tieqa)*. Għaddiet vleġġa minn quddiem it-tieqa. Kmandant inti ma jmissekx hemm isfel magħhom?

ĠANNI Jiena d-dmir tiegħi bħalissa huwa hawn u qiegħed nistenna żewġ suldati li għandhom jiġu jaqalgħu għajnejn dan il-Malti. *(La Cerda joħroġ, Ċejlu mdgħadah)*.

HAMIT (*Huwa dejjem fit-tieqa mitluf jara l-battalja*). Tnejn minn tagħna tmeddew fl-art... talfidda waqa' minn fuq iż-żiemel......

ĊEJLU Neriku waqa'!!

HAMIT Ir-Rajjes tagħna Candlissa jinsab hemm... huwa feraq it-triq bl-istandard... kollox inħeba taħt sħaba tat-trab...... ma nista' nagħraf lil ħadd...... (*Hsejjes kbar ta' galuppar taż-żwiemel. De La Cerda issa jinsab f'taħwida kbira, issa dieħel ġewwa u issa jaqsam il-palk biex jara kif sejjer iħarrab lil Ċejlu Tonna*).

ĊEJLU Kieku huwa għandu l-għajnejn tiegħi li nara għasfur fil-kwiekeb...... iżda huwa veru, Mulejja, li għandhom jiġu u jaqalgħuli għajnejja?! De La Cerda fejn mar? Għandi nemmen li sejjer iħollni minn dawn il-ktajjen?? Kemm nixtieq li jinfetaħ il-ħajt u nara x'inhu jsir... kieku mmexxi l-battalja jien...

ĠANNI (*Jidħol*). Tagħna mixjin il-quddiem. Hamit...

HAMIT Ir-Rajjes Mustafà daħal f'taqbida...... xeħet lil għadu ma' l-art...... (*Hsejjes akbar ta' ħafna xwabel jissieltu*).

ĠANNI L-istandard tagħna għadu jperper maġenb il-kampijiet?

HAMIT Għadu jittajjar mar-riħ...... X'jiena nara...... Piali mdawwar minn erba' gwerrieri...... huwa ħeles ruħu...... il-għadd tas-suldati tagħna qiegħed jiżdied. Vittorja!! Vittorja!! Huma qegħdin jirtiraw......

ĠANNI Min qiegħed jirtira?

HAMIT Il-Kavallieri...

ĊEJLU Oh ċkejkna Madonnina, sejra titlaqna waħedna?! Agħtina l-għajnuna......

HAMIT Qegħdin iġorru wieħed ferut...... tal-kurazza tal-fidda...... kemm nies miegħu.........

ĊEJLU Huwa n-neputi tas-Sultan!! Neriku, Neriku!! *(Jgħatti wiċċu jibki).*

ĠANNI Waqaf xi ftit il-ġlied? *(Il-ħsejjes taż-żwiemel u x-xwabel jieqfu).*

HAMIT Deher gwerrier mgħotti b'mantar iswed kbir ...huwa, s-Sultan La Valette... iż-żiemel tiegħu sferra... waqa' fl-art... reġa' rikeb... tagħna resqin lejh... dawruh huwa maqbud priġunier... *(Ferħan).* La Cerda, is-Sultan La Valette priġunier!!!

ĠANNI Oh!!! Sa fl-aħħar. *(B'malizzja).*

ĊEJLU *(Issa beda jissuspetta f'kollox, jixtieq li kieku jaqta' l-ktajjen).* Ma hemmx aktar anġli fis-Sema għalija? *(Jinżel għarrkupptejh jitlob).* Ismagħni Mulej, nibgħatlek ruħi stess hemm ġewwa s-Sema. Ismagħni Madonnina sabiħa, għidli x'kienet dik il-ħolma? Inti jekk trid tista' taqtali dawn il-ktajjen......

HAMIT Allah!! Allah!! *(Kif ikun għadu dejjem kurjuż iħares minn ġewwa t-tieqa tolqtu vleġġa u jinstabat ma' l-art).*

ĠANNI Hamit milqut minn vleġġa...... il - Gran Mastru La Valette maqbud priġunier. *(Imur iħares mill-bieb).* Is-suldati li għandhom jiġu jaqalgħu għajnejn Ċejlu waslu bl-għodod f'idejhom... jekk inħarrab lil Ċejlu Tonna huwa jmur jifdi lis-Sultan...... is-Sultan huwa għadu tiegħi...... x'sejjer nagħmel??...... is-suldati għoddhom waslu...... u għandi l-ku-

raġġ nara lil Ċejlu mingħajr għajnejn? Le, jien demm ta' kavallier għandi ġewwa ġismi ...... jiena wkoll ħlift fedeltà fuq is-salib ta' San Ġwann. *(Imur fuq Ċejlu)*. Ċejlu, isa, issa huwa l-waqt li nħarbek malajr! *(Jibda jħollu)*.

ĊEJLU Oh! Hanin De La Cerda, għandi mela nemmen tassew li inti sejjer tifdini? Wara tant taħbit il-qalb ........

ĠANNI Malajr! *(La Cerda jħoll għal kollox lil Ċejlu)*. Inżel minn ġewwa t-tieqa għax mill-bieb ġejjin is-suldati għalik. *(Inewwillu ħabel biex jidden-del mit-tieqa)*.

ĊEJLU Niżżikħajr Kmandant, inwegħdek li nibqa' nafulek...... jiena sejjer nitqabad biex neħles lis-Sultan u nsalva lil Malta.
*(La Cerda jħarrab lil Ċejlu mit-tieqa u huwa joħroġ jiġri l-barra mit-torri)*.

HAMIT *(Iqum, imiss ġbinu u jħares lejn idejh u jsibha mċappsa bid-demm)*. Jiena ferut. *(Iħares fejn kien marbut Ċejlu u ma jaraħx)*. Dak il-kelb Malti ma għadux aktar marbut. Huwa ...qiegħed nifhem kollox. L-ex-Kavallier De La Cerda... huwa ħallu mill-ktajjen... huwa ingħaqad magħna biex jittradina... Ċejlu Tonna l-aqwa gwerrier Malti jinsab meħlus. Dak għandu ħila jaqleb lil Malta ta' taħt fuq ... mhux ta' min jafdah... jiena ferut... imma mmur ngħarraf kollox lil Mustafà missieri...... *(huwa u ħiereġ jiltaqa' ma' żewġ suldati)*. Ġejlu għal xejn, dak li kellkom taqalgħulu għajnejh ħarab. *(It-tlieta jibqgħu jħarsu lejn xulxin filwaqt li jinżel is-separju)*.

HAWN ISIR TIBIL TAX-XENA

Tibdil tax-Xena

Mogħdija fuq il-blat ta' Kordin. Fil-fond tax-Xena huwa mdawwal bi ħmura u dħaħen li juru ħruq kbir. Jinstemgħu xi trombi jdoqqu u xi għajjat.

**Il-Ħames Xena**

De La Cerda waħdu

ĠANNI *(Jidħol jgħarrex bil-kuruna ta' La Valette f'idu)*. X'inhu li għamilt b'idejja? Jiena huwa l-bniedem l-aktar infeliċi. L-ewwel ksirta mas-Sultan La Valette u issa hemm fin-nofs il-ħarba ta' Ċejlu Tonna. Hamit li jiena kont ħsibtu baqa' mejjet hemm f'dak it-torri, għadni kemm iltqajt miegħu b'rasu nfaxxata, u heddidni li jmur jixlini bħala traditur ta' missieru. *(Imur iħares fil-fond tax-xena)*. In-nar dejjem jikber. Il-kampijiet tat-Torok għoddom inħarrqu kollha. Kien dak il-qalbieni Ċejlu Tonna li malli ħlistu minn dawk il-ktajjen, mar, dikment jagħti n-nar lil porvlista tat-Torok... ninsab quddiem id-dell tal-mewt... l-għaraq qiegħed ixoqq għalija... inħossni mitluf għal kollox. It-teżor waħdani li fadalli huwa din il-kuruna tas-Sultan li għaliha jien ħallast ġidi kollu. Min jaf għad tkunx hi li għad troddli l-hena ta' qalbi? *(Imur iħares fil-fond)*. Qiegħed nara żiemel ġej imlebbet. Hawn mhux aktar posti. Jeħtieġ li nsalva lili u lil din il-kuruna... iż-żiemel qiegħed joqrob sewwa... *(Jinstema' ħoss ta' żiemel )* il-kavallier ta' fuqu għandu f'idejh standard... id-duħħan ma jħallinix nara... donni qiegħed nara fih salib ta' San Ġwann... le, in-nofs qamar... *(Jitlaq jiġri. Il-galuppier taż-żiemel jinstema' aktar fil-qrib)*.

**Is-Sitt Xena**

Candlissa u Suldati Torok

*(Il-galuppar taż-żiemel jieqaf u xi suldati Torok jifirqu l-palk).*

1. SUL. *(Jaqsam bil-għaġla l-palk).* Dak is-saħħar ta' fizzjal Malti kellu l-ħila jidħol f'nofs il-kampijiet tagħna u jagħti n-nar lil porvlista, n-nar miexi mar-riħ u qiegħed jilħaq kullimkien. Is-suldati tagħna huma kollha maħruba.

2. SUL. *(Jidħol bħal sieħbu).* Dan kollu kif ġara f'daqqa, jekk minn fomm il-kapijiet tagħna kienet diġà nstemgħet l-għajta tar-rebħa?!

1. SUL. Kien demonju ta' żgħażugħ Malti li donnu bil-ġwienaħ irnexxilu joqtol lil tal-għassa u jaqsam il-fruntiera.

3. SUL. *(Jidħol bħal sħabu).* Suldati, għiduli li intom m'intomx nies qarrieqa, *(Iż-żewġ suldati l-oħra jsallu b'idejhom it-tnejn u jbaxxu rashom)* Oh! ħuti f'Mawmettu, wieħed Malti liebes ta' Tork, qarraq bil-għases u ħarrab lis-Sultan La Valette li konna qbadna priġunier. U issa hawn ir-Rajjes Candlissa qiegħed ifittxu bir-ragħwa f'ħalqu... imbagħad dan il-ħruq ħarbat il-pjanijiet kollha tagħna tal-gwerra....

4. SUL. *(Jidħol bħal sħabu).* Naħarbu!! Naħarbu!! Jew aħna mejtin. *(L-erba' suldati jaħarbu).*

ALI *(Jidħol bl-istandard tan-Nofs Qamar f'idu u jieqaf iħares ma' l-erbat irjieħ).* Kellna r-rebħa f'idejna. Hadd ma jrid joqgħod għal-kmandi tiegħi. Għidtlu jiena lil Mustafà Bascà, li l-Maltin huma nies ta' min jibża' minnhom. Toni Bajada u Ċejlu Tonna li jiena għamilta magħhom mill-qrib, għaliex darba jiena wkoll,

il-Grieg Candlissa kont naqdi d-driegħ tas-Sultan tal-kavallieri ta' San Ġwann u naf biż-żejjed x'għandhom ħila jagħmlu dawk iż-żewġ Maltin u l-iżjed wara li sraqnilhom 'l għarajjes tagħhom... huma ħarrbu lis-Sultan... ma miegħi għandhom jagħmluha... għalkemm il-Maltin dejjem jiżdiedu qishom ħerġin mill-bokka ta' l-infern... x'ħin taħseb li l-qalil Grieg Candlissa jaħrab quddiem fizzjal li jiena stajt ngħaffgu taħt din is-sieq... iżda min ikun qatt dan il-fizzjal li wiċċu moħbi taħt il-viżiera f'daqqa waħda jbiddel il-qagħda tal-battalja; kont inħallas għajnejja biex nara wiċċu. Ma hu min hu, naraw jekk għandux il-ħila jeħodli dan l-istandard minn idejja... issa jinħtieġ naraw fejn marru ħbew lis-Sultan La Valette... jekk jiena naqbdu taħt idejja, r-rebħa hija tagħna.

1. SUL. *(Jaqsam ix-xena).* Rajjes, fittex aqbad iż-żiemel u aħrab... dak li ħaraq il-porvlista riesaq lejna.

ALI' Naħrab filwaqt li qiegħed nistenna l-għadu biex nissielet għal dinek? *(Ixejjer daqqa ta' xabla u joqtol lis-suldat).* Hekk din ix-xabla tħallas lil min jitkellem fuq biża' u ħrib!! *(Jitlaq u jkaxkar lis-suldat mejjet warajh).*

**Is-Seba' Xena**

Ċejlu Tonna waħdu

ĊEJLU *(Jidħol liebes qmis ħamra b'salib abjad fuqha u bil-viżjiera fuq wiċċu).* F'daqqa waħda tliftu minn quddiem għajnejja... hemmhekk hemm żiemel abjad... dak huwa ż-żiemel ta' Candlissa... *(iħares minn bejn il-kwinti)* Donni qiegħed nara l-ħaxix jiċċaqlaq... aktarx li

ż-żiffa tar-riħ... In-nar li qabbadt jiena għadu jagħti... il-kampijiet tal-għedewwa għoddhom intemmu wieħed wara l-ieħor... Toni Bajada ħarrab lis-sultan u fejn jiena ħbejtu lanqas in-nemes ma jsibu... issa jenħtieġ insibu lil dak il-Grieg Candlissa. Pialì Bascà u Mustafà Bascà li ftit ilu kont priġunier tagħhom, issa qalbhom maqtugħa għal kollox. Il-mewt ta' Candlissa tkun tfisser rebħa għalina. *(Jgħarrex dejjem).*

**It-Tmien Xena**

Hamit u Ċejlu Tonna

HAMIT *(Jidħol liebes l-iswed u rasu nfaxxata li xejn ma jingħaraf).* Misħut, is-siegħa tiegħek waslet! Inti ħrabt minn taħt għajnejja, jiena fittixtek kullimkien... jiena issa għaraftek... darba biss ħrabt minn taħt idejja... *(Joħroġ stallet).*

ĊEJLU Min tkun inti? Neħħi dik il-faxxa minn rasek; għandek xeħta ta' bniedem kbir.

HAMIT Ma għaraftnix? Holqien l-aktar vili. Iżda le, inti ma jixraqlekx tmut taħt l-istallet tiegħi. Dawk l-għajnejn li ma qalgħulekx is-suldati tiegħi, jaqlagħhomlok il-bojja li wara jixħetlek il-ħabel f'għonqok ukoll.

ĊEJLU Min inti... irrid inkun naf...

HAMIT *(Jaqbad il-faxxa u jikxef għajnejh it-tnejn).* Għaraftni?...

ĊEJLU Hamit bin Mustafà... dik il-vleġġa ma kellhiex qawwa biżżejjed biex tħallik mgħarraq f'demmek f'dak it-torri?

HAMIT Tara kif il-mejtin iqumu? Iva, jiena bin ir-Rajjes Mustafà Bascà, u neputi tal-mejjet Dirghaud li kien l-ewwel wieħed li xerred demmu fuq din il-vili gżira... u l-istess id qattiela li tat it-tmiem lil armirall Dirghaud ried il-ħajja tiegħi ukoll, ma jiena lil dak il-kavalier—li s-Sultan ordnalu jagħtini f'idejn il-bojja, ħallejtu ferut għal mejjet u wara siegħa sibt ruħi taħt il-kampijiet tagħna.

ĊEJLU La terġgħax issejjaħ vili darb'oħra lil din il-gżira tagħna li lilkom il-Misilmin niżżlitilkom raskom sa' l-art aktar minn darba, inti ħrabt minn taħt idejn is-Sultan tagħna... ma minn taħt idejn Ċejlu Tonna ma taħrabx. Iddefendi ruħek! *(Jippoża għad-dwell).*

HAMIT Tajjeb, mela niddefendi ruħi... *(Jerġa' joħroġ l-istallet li kien daħħal).*

**Id-Disa' Xena**

Hamit, Ċejlu, Bajada u Candlissa

TONI *(Jidħol liebes ta' Tork u jmur fuq Hamit bix-xabla f'idu).* Is-sejf tiegħek irid jinfed sider Toni Bajada, qabel dak tal-ħabib tiegħi Ċejlu Tonna.

HAMIT Bajada, għad fadlilna kontijiet kbar x'nagħmlu bejnietna...

TONI Għandna, ja qattiel t'ommi!! Inti, wara li jiena ħlist mill-jasar tiegħek, hemm ġewwa Barbarija, dehret hawn Malta taħt isem falz biex tqarraq bil-Maltin... issa waslet is-siegħa tiegħek u rasek sejra tkun tarġa oħra għal-glorja tagħna.

HAMIT Ma' l-għarusa tiegħek Bajada? Hbub għajnejk ma jerġgħux jaraw dawk il-wardiet ta' wiċċha...

TONI Inti tinsab imqarraq għaliex Rożina tiegħi ħarġet mid-dlam ta' dak il-għar fejn inti ħbejtha, u tinsab fi ħdan ommha qawwija u sħiħa.

HAMIT Oh!! Ja kelb Malti... *(Imur bl-istallet fuq Toni Bajada u jidħlu f'taqbida).*

ALI' *(Jidħol bl-istandard f'idu).* Hamit, Candlissa huwa miegħek ukoll!! *(Imur fuq Ċejlu bix-xabla f'idu).*

ĊEJLU *(Jilqgħalu mill-ewwel).* Għaraftek Candlissa, ġejt biex tieħu l-ħlas ta' dak li għamilt ma' l-għarusa tiegħi?!!

ALI' Ġejt biex nagħti tmiem ta' din il-gwerra nfernali?!!

ĊEJLU U t-tmiem ikun... għalinat Bajada... minn din it-taqtigħa nistgħu ngawdu x-xemx ta' Malta... *(Ċejlu u Candlissa jidħlu f'taqtigħa oħra. Bajada u Hamit jintilfu bejn il-kwinti, fuq il-palk jibqgħu biss Ċejlu u Candlissa. Wara taqtigħa ħarxa Ċejlu jolqot bix-xabla lil Candlissa. Candlissa jgħajjat għajta u jinstabat ma' l-art. Ċejlu jaqbad l-istandard tan-Nofs Qamar rebbieħi u ferħan. Bajada jerġa' jidħol u jmur fuq Ċejlu).*

TONI. Maħbub Ċejlu!! Sa fl-aħħar qiegħed nara ħbub għajnejk ferħana. L-iġġant li werwer l-Ewropa jinsab f'għadira demm taħt riġlejna.

ĊEJLU Iva ħabib tiegħi Bajada, mil-lum 'l-quddiem l-ebda dnegħ Musulman ma jintrefgħa biex ixerred demm Malti. L-istandard tan-Nofs Qamar qiegħed taħt is-setgħa tagħna, u l-lejla l-istandard tas-salib jitla' kburi fuq il-bjut tal-Maltin biex ikeċċi l-għedewwa.

TONI Tini dik l-id imbierka ħalli nbusa. *(Jieħu id Ċejlu u jbusa. Ċejlu jgħannaq lil Bajada).*

ĊEJLU X'sar minn Hamit?

TONI Tajtu f'idejn il-Marixxal Roul Coppier u qalli li għandu jwasslu sa' għand il-ħakem ta' l-Imdina, biex jagħmel ħaqq minnu.

ĊEJLU Halli jtih il-forka. *(Imur fuq il-katavru ta' Candlissa).* Oh!! qawwi Candlissa, il-biża' tal-Maltin sab it-tmiem tiegħu fil-mewt tiegħek. Il-lejla Malta u s-sultan tagħna jorqdu fuq l-imħaded tal-ward u malli sħabek li baqgħu ħajjin jiġu jafu bil-mewt tiegħek u jaraw il-bandiera tan-Nofs Qamar qiegħda f'idejn il-Malti Ċejlu Tonna, jiena żgur li huma jagħtu s-sliem lil dawn il-gżejjer tagħna, u missirijietna jixirfu fuq is-swar biex jaraw ix-xwieni tagħkom maħruqin, u kull fomm Malti jgħajjat il-għajta tal-Vittorja. *(Ċejlu u Bajada jerfgħu lil Candlissa u jdaħħluh ġewwa).*

**L-Għaxar Xena**

De La Cerda, Bajada u Ċejlu

ĠANNI *(Jidħol bil-kuruna rjali f'idu liebes ta' Tork kif kien qabel).* Kollox sikta kbira...

TONI *(Jidħol u jilmaħ lil De La Cerda).* Traditur!! Halliel tal-kuruna. *(Joħroġ ix-xabla u jmur fuq De La Cerda).*

ĊEJLU *(Jidħol u jmur fuq Bajada).* Żomm idejk Bajada.

TONI Mix-xabla tagħna joħroġ il-ħaqq.

ĊEJLU Le Bajada... anzi De La Cerda ħallini nbus dawk l-idejn ħelwin li ħallewli l-ktajjen. *(Ibus id Ġanni).*

SALESIAN ORATORY
ALEXANDRA STREET
SLIEMA-MALTA

TONI (*Mistgħaġeb*) Ċejlu... għidli... ma nistax nifhem... malli jiena erġajt irfist fuq din l-art tagħna, l-ewwel ħaġa li semgħu widnejja kien it-tradiment ta' De La Cerda.

ĊEJLU Dan huwa minnu... ma jekk dak in-nar li għadu qiegħed jaqbad, ħarrbat l-għedewwa tagħna... jekk Candlissa qiegħed tarah mgħarrar f'demmu... jekk qiegħed tara f'idejja l-istandard tan-Nofs Qamar... huwa kollu frott ta' darba Kmandant tagħna De La Cerda, li ħarrabni mit-torri ta' Kordin fejn kont kalzrat tal-Ġeneral Mustafà Bascà.

TONI Ma kontx naf b'dan. De La Cerda nitolbok maħfra ta' kollox.

ĠANNI Sakemm għidtli traditur għalaqtli ħalqi u kelli noqgħod għaliha, ma kun af li jekk intom qegħdin taraw din il-kuruna tas-Sultan f'idejja, din li swietli l-ġid tiegħi kollu... għaliex jiena din xtrajtha mingħand it-teżorir Kostantinu Castrioto, filwaqt li s-saltna tal-kavalieri kienet imdendla b'ħajta biex tinqata' u taqa' f'idejn l-għedewwa.

TONI De La Cerda, għidilna mela li inti ma ridtx iddeni lil Malta tagħna.

ĠANNI Jiena kulma għamilt mhux le biex nara lil Malta taħt il-bandiera tan-Nofs Qamar, ma għaliex bgħad bil-qawwa lis-Sultan La Valette.

TONI Ħares Don Giovanni De La Cerda, jiena kont fuq il-għatba tal-knisja liebes għat-tieġ, u biex nitqagħbad għal dak is-salib li darba inti wkoll kont iġġibu fuq sidrek, għal l-imħabba li torbotni mal-Gran Mastru La Valette jiena ħallejt żewġt iqlub imbikkija, l-għarusa u l-missieri. Il-ħabib tiegħi Ċejlu ħalla wkoll lil missieru

waħdu; mhux forsi inti wkoll ħallejt lil Franza tiegħek għal din il-kawża qaddisa?

ĊEJLU Bajada, kliemek huwa tad - deheb. Qiegħed nieħu gost nisimak tkellem hekk lil De La Cerda. Aħna t-tlieta wlied Kristu u jenħtieġ ukoll li De La Cerda jkollu sehem fil-ferħ tagħna—fil-ferħ ta' din il-Vittorja *(Lil De La Cerda)*. Kun af Kmandant li x-xabla tal-kavallieri ma għadhiex ippunta għalik; anzi nista' ngħidlek li meta s-Sultan ikun jaf x'għamilt għalija, rasek ipoġġi fuq sidru u jaħslek biddmugħ. Għidilna, li tiġi magħna sabiex wara li nagħtu l-aħbar tal-Vittorja lis-Sultan inti nnifsek tpoġġilu dik il-kuruna fuq rasu. Għidilna ftit, mhux tassew li bil-mewt talqalil Candlissa aħna rbaħna din il-gwerra?

ĠANNI Iva, oh qalbiena Maltin, kieku jien mxejt fuq l-eżempju tagħkom ma kontx nittradixxi l-bandiera tas-salib, il-ħila tagħkom u kliemkom ħallewli qalbi fid-dmugħ. Intom tistgħu xxerrdu l-aħbar ma' Malta kollha li l-Vittorja hija tagħkom.

TONI Ejjew ħarsu kemm iġsma mejtin tal-għedewwa hemm jgħumu f'wiċċ il-baħar.

ĊEJLU Iva Kristu stess u l-Madonna għinuna biex nagħmlu din ir-rebħa. De La Cerda ejja magħna biex inti wkoll tpoġġi fuq ġbinek ilweraq tar-rand. Rajt b'għajnejk inti nnifsek li s-Sema ħadem għal din ir-rebħa tagħna. L-anġli ta' kull wieħed minna b'dawk il-ġilji fuq rashom ħadmu għalina għaliex il-kawża tagħna hija safja u sabiħa bħal dak is-salib li inti minn fuq sidrek ċarrat. Imma issa ejja magħna biex terġa' tpoġġih u titgħannaq mas-Sultan.

ĠANNI X'inhu li għadda minn ġo fija!! Kliemkom messli ħbub għajnejja, u nessieni kull imrar, ħalluni nsejħilkom ħuti. Nersqu lejn xulxin bħal dawk li redgħu l-istess ħalib għaliex dan il-ferħ nixtieq nisqihulkom sal-qiegħ. Intom irbaħtuli qalbi!! *(Ċejlu u Bajada jersqu maġenb De La Cerda. Huwa jbushom u wiċċu jinħasel bid-dmugħ).* Huti qalbiena Maltin, sa issa kont għadni qiegħed naħbilkom ħaġa, ma dan il-velu hemm bżonn li jiċċarrat. Jiena kont għadni ġej minn maġenb il-Ġeneral Mustafà Bascà u smajtu jgħid lil Pialì Bascà li għada mas-sebħ iħollu l-qlugħ tax-xwieni u jħallu lil din il-gżira, u kif qegħdin tarawni jiena wkoll b'din il-kuruna kont sejjer nitlaq magħhom u nħalli din l-art. Imma l-kliem tagħkom saħħarni u jiena rrid nerġa' nkun dak il-kavalier fidil ta' qabel. *(Jinfexx jibki).* Irrid inkun l-aduratur tas-salib ta' San Ġwann.

ĊEJLU Oh!! Kelma sabieħa li ħarġet minn ġol-fomm tal-anġli; imxu niltaqgħu mas-Sultan ħalli nirrakkuntawlu kollox.........

TONI Immorru biex nieħdu lil ħutna l-aħbar tal-Vittorja.

*(Kif ikunu sejrin, erba' Kavalieri u s-Sultan La Valette ħieles jaqsmu x-xena, jieqfu ftit De La Cerda jilmaħ lis-Sultan, dan mingħajr ma jrid jinżel għarrkubbtejh u jibqa' donnu statwa. Ukoll Ċejlu u Bajada jibqgħu skantati jħarsu lejh — KWADRU—)*

TMIEM TAT-TIENI ATT

## IT-TIELET ATT

Ix-xena bħal ta' l-ewwel, biss is-sala hija mżejjna għal-festi kbar.

### L-Ewwel Xena

Ċejlu Tonna waħdu

ĊEJLU (*Jippassiġġa f'nofs is-sala, liebes b'mant twil sabiħ jilgħab b'warda f'idu).* Wara dan it-tixrid ta' demm kollu, l-armi sabu l-mstrieħ tagħhom!! L-artali tal-knejjes huma mimlijin bil-ward. Hawn fil-Birgu l-Maltin deħlin bħal xmara biex jaraw lis-Sultan jixref mill-gallerija, u jħabbrilhom il-jum tal-Vittorja. (*Imur iħares mill-gallerija).* Kemm nies qiegħda tinġabar. Il-lum kulħadd iħossu kburi li jġib l-isem ta' Malti. (*Jieqaf jikkontempla l-Port).* X'għodwa ta' qlub ferħana!! Għadni ġej mingħand l-għarusa tiegħi Ġannina... malli semgħet bil-Vittorja libset libsa bajda u żejnet xuxitha mdehba bil-ward. X'għajnejn ta' safa'...... x'ħaddejn...... jekk xi ħjiel tas-Sema mill-art jiena nieħu, huwa ġmielek, Ġannina tiegħi. Għax f'dawk l-għajnejn ċelesti tiegħek li jpetptu fuq il-ġilju u fuq il-ward li huma ħaddejk, jiena nara l-ġmiel kollu tal-Ġenna. Le, mhux ix-xemx u l-kwiekeb li jbiddluli l-lejl għal nhar, ma s-safa' ta' ħarstek qaddisa. (*Ipoġġi bil-qiegħda u wiċċu jinħasel bid-dmugħ tal-hena).* (*Tinstema' biċċa mużika li aktar tħollu qalbu).* Il-palazz tas-Sultan huwa mżejjen għall-festa tal-Vittorja. Is-Sultan qiegħed fil-Kappella tiegħu mal-kbarat tal-Ordni jiżżi ħajr 'l Alla qalb il-kant tal-Patrijiet. (*Il-mużika għada tinstema)*

## It-Tieni Xena

### Bajada u Ċejlu Tonna

TONI (*Jidħol liebes tal-festa bil-ward fuq sidru*). Kaptan, inti hawn? Qiegħed tagħġġibni. Għaliex m'intix hemm maġenb il-kbarat u maġenb is-Sultan imdawwar bil-Kavallieri? Mingħajrek il-festa tal-Vittorja ma hi xejn Kaptan...

ĊEJLU Għid aħjar mingħajrek Bajada, għax l-isbaħ paġna tad-deheb li sejra tinkiteb fl-istorja ta' Malta sejra tkun dik il-paġna tal-qlubija tiegħek.

TONI Tħammarlix wiċċi Kaptan. Ejja ħares hemm barra kemm bandieri bis-salib iperpru fuq isswar u l-bjut tal-Maltin...... ħares lejn dawk il-karti mwaħħlin mal-ħajt fejn l-ismek jgħollu sa l-għola glorja. M'humiex id-dirgħajn qawwija tiegħek li fdew dawn il-gżejjer? Ersaq Kaptan u itfa' l-ħarsa tiegħek fuq il-port ħelu tagħna. (*It-tnejn imorru jħarsu mill-gallerija*) Qiegħed tara t-Torok li sfaw bla ġieħ. Qegħdin jiftħu l-qlugħ tax-xwieni biex iħallu dawn l-artijiet tagħna. Mhux id-driegħ tiegħek keċċiethom? It-troni kollha tas-slaten fuq xulxin ma jilħqux l-għoli fejn għandu joqgħod ismek għal dak li inti għamilt għal Malta tagħna. Gżira għażiża li ġġib il-libsa tal-fidi li għallimna Missierna San Pawl!

ĊEJLU (*Demgħa ta' ferħ taħsel lil ħaddejh. Joħroġ maktur u jgħaddih aktar minn darba minn fuq għajnejh*). Mhux jien Bajada imma dik iċċkejkna Bambina li l-lum tagħha aħna qegħdin nagħmlu l-festa. (*Id-dmugħ ta' ferħ jiżdied jaħsillu lil wiċċu*). Dik il-Madonna li bħala tfajla l-aktar sabiħa u safja rajt fil-ħolm

tiegħi, jiena lilha tlabt u hija fil-jum għażiż tal-festa tagħha ġibitilna l-Vittorja.

TONI Oh!! Il-Bambina tal-Vittorja!! Għandi seba' mitt sena sakemm intir lejn in-Naxxar ħalli ngħannaq lil missieri u lil Rożina. Min jaf b'liema ħrara qegħdin jistennewni u l-ferħ kif jidher jiddi fuq wiċċhom? *(Il-kant jieqaf).*

ĊEJLU Iva, Bajada, jekk għalina l-lum huwa l-jum tal-ferħ bil-Vittorja, għada ma jkunx inqas għal Ġannina tiegħi u Rożina tiegħek ikunu l-anġli ta' ħajjitna. Imma għidli ħaġa Bajada, rajtu int lis-Sultan La Valette dalgħodu?

TONI Għadni ġej mill-knisja fejn tkanta t-Te Deum. Huwa jinsab barra minnhu nnifsu bil-ferħ. Liebes il-paramenti u l-mantar il-kbir ta' Sultan...... għajb li tonqsu l-kuruna......

ĊEJLU Misterju!! De La Cerda li sar Sid dik il-kuruna ma deherx aktar mill-bieraħ 'l hawn. Naqas minn kelmtu? Beħsiebu jitlaq minn Malta u jieħu miegħu l-kuruna tas-Sultan La Valette?!!

TONI Kienet tkun ħaġa f'waqta kieku fil-jum tal-Vittorja De La Cerda jerġa' jorbot dik il-ħolqa ta' ħbiberija, u huwa nnifsu jerġa' jqegħdlu l-kuruna fuq rasu lis-Sultan.

ĊEJLU Jiena dak il-bniedem għandi dejn kbir xi nħallas miegħu...... xtaqt narah hawn jifraħ magħna...........

TONI Kaptan naħseb li wasallek f'widnejk li lil Hamit Żuta għalquh fil-pjazza tar-Rabat?

ĊEJLU Ha dak li kien ħaqqu!!

### It-Tielet Xena

Kostantinu Ċejlu Tonna u Bajada

KOSTAN. *(Jidħol liebes mantar twil sabiħ bis-salib ta' San Ġwann)*. Toni Bajada, u int Kaptan Ċejlu Tonna, konna qegħdin infittxukom. Is-Sultan huwa lest biex jidher quddiem il-folla tal-Maltin li hawn miġbura quddiem il-Palazz u jridkom maġenbu, għaliex irid li kulħadd ikun jaf li intom iż-żewġ eroj Maltin kontu li fdejtu l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u fl-istess ħin il-gżejjer tagħkom. Hutkom il-Maltin jixtiequ jarawkom, jgħannqukom, anzi jbusu dawk l-idejn li ġiegħlu jirtodu lil ġens Musulman, u l-istess Sullejman, Sultan tagħhom. *(Jinstemgħu l-qniepen idoqqu biex iħabbru l-ħarġa tas-Sultan mill-Knisja)*. Isimgħu d-daqq tal-qniepen qegħdin iħabbru l-ħarġa tas-Sultan mill-knisja. Imxu miegħi. *(Jitilqu t-tlieta. Il-qniepen jieqfu)*.

### Ir-Raba' Xena

De La Cerda waħdu

ĠANNI *(Jidħol jgħarrex bil-kuruna tas-Sultan f'idu moħbija taħt il-mantell)*. Ma rani ħadd. Din il-kuruna tas-Sultan inħossha taħraq ġewwa jdejja. Huwa qiegħed hemm... qasam il-folla... daħal taħt il-Baldakkin... kulħadd niżel għarkupptejh quddiemu... huwa liebes il-paramenti tal-festa... ma tonqsu din il-kuruna... xtaqt li kieku ngħaddi minn qalb dawk in-nies u mmur jiena stess inqegħdhielu fuq rasu... ma jkolli dik il-ħila?... u jekk huwa jeħodni bil-herra... idejja qegħdin jirtodu. Nixtieq li

dan il-ferħ li bħal żiffa ħelwa li warajha tħalli l-fwieħa tal-balzmu tgħaddi minn ġo qalbi wkoll, biex inkun nista' nissieħeb ma' dawk li darba kienu ħuti kavallieri u magħhom naqsam din il-glorja. Ma kif sejjer nidher quddiemhom wara t-tradiment tiegħi. Min jaf kemm jitkażaw bija... u forsi seħtuni!

**Il-Ħames Xena**

Franġisku Bajada u De La Cerda

FRANĠ. *(Jidħol liebes ta' raħli u jmur fuq De La Cerda)*. Sinjur, rajtu xejn lil ċertu Toni Bajada?

ĠANNI Inti min int?

FRANĠ Sinjur, aħfirli, ma rajt li l-lum il-bieb tal-palazz tas-Sultan huwa miftuħ għal kulħadd u dħalt... jiena huwa missier Toni Bajada.

ĠANNI Inti missier l-eroj Toni Bajada?

FRANĠ. Iva sinjur, nixtieq narah u niksieh bil-bews... dak huwa demmi... qaluli li għadu ħaj...

ĠANNI Sa fejn naf jien għadu ħaj.

FRANĠ. Nixtieq narah. In - Naxxar kollu ħareġ bi ħġaru. Id-dar tiegħi saret donna knisja. Kulħadd jistaqsini għalih. Għidli sinjur, inti taf aktar minni, huwa veru li x-xwieni tat-Torok sejrin iħalluna fil-paċi?

ĠANNI Ejja ħares minn din il-gallarija. Ara t-Torok qegħdin jarmaw il-qlugħ biex jitilqu.

FRANĠ. *(Imur iħares fil-gallarija)*. Oh!! Imbierka dik ix-xemx li żejnet din il-għodwa!... imma x'jiena nara, ibni maġenb is-Sultan... huma ġejjin l-hawn!... qalbi ma tiflaħx!... *(Imur joqgħod bil-qiegħda)*.

### Is-Sitt Xena

Ramjondu Tonna u Franġisku Bajada

RAJMON. *(Jidħol u jilmaħ lil Franġisku).* Franġisku Bajada!!

FRANĠ. Oh! Sur Rajmondu. Ejja ħares ibnek u Toninu tiegħi mexjin fil-lemin tas-Sultan La Valette!...

RAJMON. *(Imur iħares mill-gallarija).* Ibni... kemm int sabiħ... *(Il-mużika ddoqq marċa).* Kemm fjuri niżlin fuq rashom. Kemm nies jeħdulhom b'idejhom... deħlin mill-bieb il-kbir.

FRANĠ. U jekk jiġu hawn ħdejna?!

RAJMON. Nibqgħu fejn aħna... ma humiex uliedna?... min minn dawk in-nies kollha għandu l-jedd aktar minna li jbus 'l uliedna?

FRANĠ. Qalbi qiegħda tħabbat qawwi!!

RAJMON. Ekku ibni!! *(Joħroġ jiltaqa' ma' Ċejlu. La Cerda joħroġ).*

### Is-Seba' Xena

La Valette, Pietru, Kostantinu, Roul, Cori, Ċejlu Toni Franġisku, Rajmondu, u erba' kavalieri

*(L-ewwel ma jidħlu l-erba' kavalieri, imbagħad La Valette, maġenbu Pietru Kostantinu, Roul, Cori, kollha lebsin mant bis-Salib ta' San Ġwann, fl-aħħar jidħlu Bajada, Ċejlu Tonna ma' Rajmondu u Franġisku).*

FRANĠ. *(Imur fuq La Valette).* Aħfirli Sultan ma l-ferħ għelibni. Ħallini inbuslek idejk. *(Jaqbad id is-Sultan u jbusha).*

LA VAL. Min inti?

TONI Monsinjur, dak huwa missieri.

LA VAL. Missier ixxurtjat!! *(Jgħannqu miegħu).* Mur aħsel 'l ibnek bid-dmugħ tal-ferħ. Mur tgħannaq mal-kbir eroj.

FRANĠ. *(Imur jgħannaq lil Toni).* Ibni qalbi!!

TONI Missier!! *(Jinfirdu minn xulxin).*

RAJMON. *(Jidħol iżżomm minn idu lil Ċejlu).*

LA VAL. *(Joħroġ fil-gallarija, il-poplu mit-triq kultant jgħajjat).* "Viva s-Sultan La Valette, viva Ċejlu Tonna, viva Toni Bajada, Vittorja, Vittorja.

PIETRU *(Imur fil-gallarija u jerfa' x-xabla).* Poplu denn tal-fidi tal-Appostlu San Pawl, ħadd m'għandu s-setgħa jrażżan dan l-għajjat tagħkom, għaliex għandkom tassew biex tiftaħru, imma għal ftit nitlobkom tieqfu għaliex sejjer jitkellem is-Sultan La Valette. *(Taqa' ħemda kbira).*

LA VAL. *(Jersaq lejn il-gallarija).* Uliedi Maltin f'Ġesù Kristu, l-lum it-tmienja ta' Settembru tal-1565, festa tat-twelid tal-Madonna, meta dal-għodu x-xemx firxet ir-raġġi tagħha fuq dan il-port ħelu tagħkom il-kap tal-għedewwa tagħna Mustafà Bascà bagħat quddiemi ambaxxatur fejn qalli li huma jċedu l-armi u jħallu darba għal dejjem dawn il-gżejjer. *(Għajjat minn barra: Viva La Valette).* Mela s-salib ta' San Ġwann ħareġ rebbieħ fuq dak tan-Nofs Qamar, u x-xwieni tal-għadu qegħdin jitħejjew biex jitilqu. Harsu hemm, is-swar għadhom iħammru bid-demm tal-martri ħutna li ġġieldu għal-kawża qaddisa. F'dawn it-tlett xhur li ilna nitqagħbdu, aħna tlifna 200 kavalier u 9,000 bejn nies ta' l-armi u Maltin. Ma l-għadu sejjer iħalli warajh 40,000 katavru midfunin

f'qiegħ il-baħar. Għalhekk l-Assedju ta' Malta wasal it-tmiem tiegħu, u din ix-xemx sejra ddawwal l-uċuh musfara ta' ħutna li s'issa kienu taħt il-jasar ta' Sullejman. *(Applawsi minn barra).* Bħala tifkira ta' din ir-rebħa mil-lum 'il-quddiem, il-Birgu jkun jismu Vittoriosa. *(Applawsi).* Uliedi Maltin, aħna bagħtejna, ilkoll xarrabbna ħaddejna biddmugħ, min għal-ibnu u min għal-missieru u jiena għan-neputi tiegħi Neriku. *(Ċejlu jimsaħ xi demgħa).* Ma l-ferħ reġa' deher jiddi fuq wiċċkom u uliedkom reġgħu sabu l-ħalib t'ommhom u l-għarajjes sabu l-għaxqa ta' qalbhom. Iżda jekk aħna dalgħodu rajna x-xemx donnha tiela' ġdida mill-baħar biex timla' dawn il-gżejjer bil-ferħ, ngħidu grazzi lil dawn il-kbar eroj... ħutkom Maltin li taw id-daqqa għal mewt lill-għadu... irrid ingħid : Luqa Briffa, li jinsab ferut u ż-żewġ anġli tal-Vittorja, Toni Bajada u Ċejlu Tonna. *(Għajjat u applawsi minn barra. Kontra xena ta' Franġisku u Rajmondu li jerġgħu jbusu 'l uliedhom).* Uliedi Maltin bil-għajnuna t'Alla dalgħodu fuq il-bereġ tagħna reġa' deher jiddi s-salib ta' San Ġwann fuq il-bandieri, u ma' din il-glorja irrid inżid glorja oħra billi npoġġi fuq irjus sbieħ ta' Toni Bajada u Ċejlu Tonna kuruna tar-rand u fuq il-qawwi sider tagħhom midalja tad-deheb. Kostantinu ħsibt għal dak kollu li għidtlek?...

KOSTAN. Monsinjur kollox jinsab imħejji.

FREDU *(Jidħol b'żewġ kuruni tar-rand u żewġ midalji tad-deheb f'gabarrè tal-fidda. Pietru jnewwel il-kuruni u l-medalji lis-Sultan; is-Sultan ipoġġi l-kuruni u l-midalji fuq irjus u s-sider*

*ta' Ċejlu u Toni. Is-sultan jgħannaq liż-żewġ eroj imbagħad imorru jgħannquhom il-kbarat l-oħra kollha. F'din iċ-ċerimonja jindaqq l-Innu Malti. Meta jintemm l-Innu).*

LA VAL. Alla jixħet il-Barka Tiegħu fuqkom uliedi u fuq dawn il-gżejjer tagħkom.

**L-Aħħar Xena**

De La Cerda u ta' qabel kollha

ĠANNI *(Jidħol bil-kuruna tas-Sultan mgħottija bil-mantell u b'għaġeb ta' kulħadd jinżel għarrkupptejh quddiem is-Sultan musfar bħal qarsa tax-xema').* Sultan!! Sultan!! Tiċħadlix il-maħfra tiegħek nitolbok!...

LA VAL. Oh!! Xemx sabiħa ta' dina l-għodwa, li ġiebet magħha l-hena tal-Ġenna. De La Cerda, jiena l-bieraħ x'ħin rajtek, qrajtlek f'għajnejk. Qum minn dak it-trab ta' l-art. Seba' snin il-ktajjen ta' qlubna ilhom maqtugħin, seba' snin bkejt il-passi tiegħek mitlufa, u dan l-aħħar qalbi tregħxet fuq it-tradiment tiegħek... *(De La Ċerda jgħatti wiċċu bil-mistħija).*

ĊEJLU Monsinjur, *(Jinżel għarrkupptejh quddiem is-Sultan).* Hallini hawn quddiem kulħadd nistqarr is-sewwa. Il-Kmandant De La Cerda huwa tassew traditur mill-kbar, imma tal-għedewwa tagħna.

LA VAL. Għidli aħjar Tonna...

ĊEJLU Meta jiena kont waqajt irsir ta' Mustafà Bascà, kien hu li ħalli l-ktajjen u ħarrabni mittorri ta' Kordin. Mingħajr il-għajnuna tiegħu Malta ma kientx tkanta l-innu tal-Vittorja f'dan il-jum hekk sabiħ.

LA VAL. De La Cerda!!...

ĠANNI Monsinjur, urini għajnejn tal-maħfra.

LA VAL. Donni marridx nemmen... De La Cerda ejja hawn fuq qalbi biex tisma t-taħbit ta' dan il-ferħ... biex tisma' l-kelma tal-maħfra ħierġa minn ġewwa fommi bħala mużika li tħoll il-il-qlub. Irrid naħseb li kont jien il-ħażin li żmien qabel ħallejtek magħluq fid-dlamijiet tal-ħabs. Il-maħfra rrid nitlobha lilek. *(Imur jgħannaq lil De La Cerda. Ċejlu Tonna jqum ukoll).*

ĠANNI Twajjeb Monsinjur, tassew li qlubna għalqu l-bibien tal-imħabba, imma x-xbiha tiegħek baqgħet dejjem ħelwa f'għajnejja u t-tradiment tiegħi jiena bdiltu ma' sogru tal-mewt. Għaliex ix-xbiha tiegħek u s-salib ta' San Ġwann kont inħosshom imexxuli riġlejja għar-rebħa ta' Kristu u mhux tal-għedewwa.

KULHADD Bravu De La Cerda. *(Applaws).*

ĠANNI Issa f'dan il-jum ta' l-akbar hena, li l-ferħ qiegħed ibennen qlub il-Maltin ġewwa benniena tad-deheb u lilna l-kavallieri ta' San Ġwann raddielna glorja li ma tintesa qatt, jiena jidhirli li f'din il-festa tonqos xi ħaġa...

KOSTAN. Tonqos il-kuruna tas-Sultan...

ĠANNI *(Joħroġ il-kuruna minn taħt il-mantell).* Hija qiegħda hawn, din lili swiet il-ġid kollu tal-familja tiegħi, ma Monsinjur biex nurik li qalbi tinsab safja għal kollox, u li m'għandniex għajjur għas-saltna tiegħek, jiena jrid inpoġġihielek fuq rasek. *(Ipoġġi l-kuruna fuq ras La Valette).*

LA VAL. Il-ferħ ta' bħalissa, huwa daqs kieku nfetħu bibien is-Sema quddiemi. Iva De La Cerda dak is-salib li inti ċarrat minn fuq sidrek jiena nerġa' nroddulek. *(Jaqla' l-mantell li għandu fuqu u wara li neżża' dak li kellu fuqu De La Cerda jpoġġiħielu fuq spallejh).* Nixtieqlek li din il-kuruna wara mewti minn fuq rasi tgħaddi għal fuq rasek.

ĠANNI Niżżikħajr Monsinjur! *(Jinfexx f'bikja kbira u jgħatti wiċċu).*

LA VAL. La Cerda għidli li dan tiegħek huwa dmugħ ta' ferħ... Ekku... *(Jersaq ftit lejn il-gallarija).* ix-xwieni tal-għedewwa ħerġin mill-port biex ma jidħlux iżjed... min-naħa l-oħra deħlin tagħna... *(Kulħadd imur iħares).* X'dehra tal-għaġeb. Il-bnadar tan-Nofs Qamar imniżżlin u jqattru d-dmugħ u dawk tas-salib iperpru fuq l-arbli tax-xwieni tagħna donnhom ġwienaħ tal-Anġli li ġiebu l-paċi.
*(Dik il-biċċa mużika li nstemgħet fil-bidu tal-prologu terġa' tinstema' biex tferraħ lil kull Malti li xerred demmu għall-art twelidu)*

ĊEJLU Bajada, issa jmiss lilna li ninżlu qalb ħutna u nagħtu l-akbar ġieħ lis-Sultan.

LA VAL. Iva uliedi u kbar eroj ta' dawn il-gżejjer, morru ngħaqdu ma' l-għarajjes tagħkom li qegħdin jistennewkom, anzi ninżlu lkoll fuq is-swar u ningħaqdu ma' ħutna biex inbusu dak id-demm ta' ħutna martri u nkunu nistgħu naraw aħjar ix-xwieni tal-għedewwa ħierġin mill-port; u l-lejla meta x-xemx tkun nieżla' ħelwa wara l-għoljiet qalb dak il-lewn roża u joħorġu l-kwiekeb jiddu, aħna mmorru norqdu mhux aktar b'qalbna tirtgħod bil-biża', imma

norqdu f'benniena ħelwa ta' paċi bħala qlub inkurunati bil-ward ! ! !

*Huma u Qegħdin iħarsu lejn ix-xwieni tal-Għedewwa ħerġin mill-Port jinstema' id-daqq tal-qniepen tal-Knejjes iħabbru l-Vittorja, u ħelu ħelu jingħalaq is-Separju).*

N.B. Jekk jista' jkun isir tibdil ta' xena u x-xwieni Torok jidhru ħerġin biex iħallu lil Malta.

TMIEM TAD-DRAMM

Carmelo Galea, S.D.B.
8 ta' Settembru, 1947
Sliema, Malta.

Jinbiegħ 2/- mil-"Librerija Ekkleżjastika" ta' F. Sciortino, Triq il-Merkanti, il-Belt, u mill-Oratorju Sależjan ta' tas-Sliema.

Il-qliegħ imur għall-Vokazzjonijiet Sależjani ta' l-istess Oratorju.